II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**ta' l-20 ta' Novembru 2007**

**dwar l-għajnuna ta' l-Istat C 36/A/06 (ex NN 38/06) implimentata mill-Italja favur ThyssenKrupp, Cementir u Nuova Terni Industrie Chimiche**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 5400)*

**(il-verżjoni taljana biss hi awtentika)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/408/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel sottoparagrafu ta' l-Artikolu 88(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li sejħet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom skond id-dispożizzjonijiet ċitati hawn fuq [1] u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

### I. PROĊEDURA

(1) Fil-qafas ta' każ C 13/2006 (ex-N 587/2005) – Tariffa ta' l-Elettriku Preferenzjali f'Sardinja, il-Kummissjoni saret konxja dwar l-estensjoni ta' żewġ miżuri li jagħtu tariffa ta' l-elettriku preferenzjali. L-estensjoni ġiet mogħtija bis-saħħa ta' l-Artikolu 11, paragrafu 11 ta' *decreto-legge* Nru 35/2005, konvertit f'Liġi 80 ta' l-14 ta' Mejju 2005 (minn issa 'l quddiem imsejħa Liġi 80/2005) u kienet implimentata mingħajr notifika preċedenti lill-Kummissjoni. Il-benefiċjarji huma l-produttur ta' l-Aluminju Alcoa u t-tliet kumpaniji suċċessuri ta' Soċietà Terni: Terni Acciasi Speciali, Nuova Terni Industrie Chimiche u Cementir (minn issa 'l quddiem: "il-kumpaniji Terni").

(2) B'ittra ddatata t-23 ta' Diċembru 2005 il-Kummissjoni talbet informazzjoni mill-Italja, li wieġbet b'ittra ddatata l-24 ta' Frar 2006. B'ittri ddatati t-2 ta' Marzu 2006 u s-27 ta' April 2006, l-Italja provdiet informazzjoni addizzjonali.

(3) B'ittra ddatata d-19 ta' Lulju 2006, il-Kummissjoni informat lill-Italja li kienet iddeċidiet li tibda proċedura stabbilita fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE fir-rigward taż-żewġ skemi (Każ C 36/2006).

(4) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda proċedura ġiet pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [2]. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom fuq il-miżuri.

(5) L-Italja ssottomettiet osservazzjonijiet b'ittra ddatata l-25 ta' Ottubru 2006. Aktar informazzjoni kienet sottomessa b'ittra ddatata d-9 ta' Novembru 2006 u s-7 ta' Diċembru 2006.

(6) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand il-partijiet interessati. Hija għaddiethom lill-Italja, li ngħatat l-opportunità li tirreaġixxi. Il-kummenti ta' l-Italja waslu f'ittra ddatata t-22 ta' Diċembru 2006.

[1] ĠU C 214, 6.9.2006, p. 5.

[2] Ara in-nota Nru 1.

(7) B'ittra ddatata l-20 ta' Frar 2007, il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni li kienet provduta mill-Italja b'ittri ddatati s-16 ta' April 2007, l-10 ta' Mejju 2007 u l-14 ta' Mejju 2007.

(8) Fit-18 ta' Settembru 2007 il-fajl inqasam f'parti A, li jittratta t-tliet kumpaniji li jirriżultaw mill-qasma ta' Società Terni (il-kumpaniji Terni) u parti B, li tikkonċerna l-Alcoa. Din id-deċiżjoni tikkonċerna esklussivament l-estensjoni tat-tariffa preferenzjali favur il-kumpaniji Terni.

(9) L-iskambji ta' korrispondenza li tikkonċerna l-Alcoa m'humiex kwotati hawn.

## II. DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-MIŻURA

(10) L-Artikolu 11, paragrafu 11 tal-Liġi 80/2005 tipprevedi għall-estensjoni fil-ħin taż-żewġ miżuri li jagħtu tnaqqis fit-tariffi ġenerali ta' l-elettriku. Il-benefiċjarji ta' dawn iż-żewġ miżuri, li huma differenti fin-natura tagħhom u se jiġu trattati separatament, huma l-produttur ta' l-Aluminju Alcoa fuq naħa, u t-tliet kumpaniji li jirriżultaw mill-qasma tas-Società Terni, fuq in-naħa l-oħra.

*Il-miżura oriġinali u l-ewwel estensjoni tagħha*

(11) L-Italja innazzjonalizzat is-settur ta' l-elettriku bil-liġi Nru 1643 tas-6 ta' Diċembru 1962 (minn issa 'l quddiem: il-liġi tan-nazzjonalizzazzjoni). Il-liġi prevediet għat-trasferiment ta' l-impjanti ta' l-elettriku eżistenti fl-Italja għall-kumpanija ta' l-Istat li nħolqot ENEL, li kien se jkollha monopolju fil-produzzjoni, d-distribuzzjoni u l-forniment ta' l-elettriku.

(12) Fiż-żmien tan-nazzjonalizzazzjoni, Società Terni kienet kumpanija ta' l-Istat attiva fil-manifattura ta' l-azzar, issiment u l-kimiċi. L-Istat eżerċita kontroll effettiv fuq il-kumpanija permezz ta' sehem maġġoritarju fil-kapital tagħha, mill-kumpanija IRI ta' l-Istat u l-grupp Finsider ta' l-Istat. Società Terni kellha wkoll u kienet topera impjant idroelettriku. Il-parti l-kbira ta' l-elettriku prodott kien użat biex iħaddem il-proċessi ta' manifatturar tal-kumpanija.

(13) Il-liġi tan-nazzjonalizzazzjoni stabbiliet li, bħala regola ġenerali, il-kumpaniji li jipproduċu l-elettriku primarjament għall-awto-konsum (*awto-produtturi*) kienu esklużi min-nazzjonalizzazzjoni u setgħu jżommu l-assi tagħhom sabiex jiġġeneraw l-elettriku ([3]). L-assi ta' l-elettriku tas-soċjetà Terni kienu nazzjonalizzati minkejja l-istatus tal-kumpanija bħala awto-produttur minħabba li kienet lokalizzata strateġikament fit-territorju Taljan. It-trasferiment għall-ENEL kien stabbilit fl-Artikolu 4, paragrafu 5, ir-raba' inċiż tal-liġi tan-nazzjonalizzazzjoni.

(14) Bid-Digriet Presidenzjali Nru 1165/63, l-Italja tat lill-kumpanija kumpens għat-trasferiment ta' l-assi tagħha ta' l-elettriku. Il-kumpens ħa l-forma ta' tariffa preferenzjali ta' l-elettriku li kellu japplika mill-1963 sa l-1992.

(15) Fl-1964, Società Terni nqasmet fi tliet kumpaniji: il-produttur ta' l-azzar Terni Acciai Speciali, il-manifattur tal-kimiċi Nuova Terni Industrie Chimiche u l-manifattur tas-siment Cementir. Dawn il-kumpaniji kienu mbagħad privatizzati u akkwistati minn ThyssenKrupp, Norsk Hydro u Caltagirone rispettivament.

(16) Kif indikat fil-punt 0 ta' din id-deċiżjoni, dawn il-kumpaniji suċċessuri se jkunu kollettivament imsejħa bħala "*il-kumpaniji Terni*" filwaqt li l-kumpanija oriġinali se tissejjaħ "*Società Terni*". It-tariffa applikabbli l-ewwel għal Società Terni, u mbagħad għall-kumpaniji Terni, se jissejħu bħala "*it-tariffa Terni*".

(17) It-tariffa preferenzjali kompliet tapplika, taħt l-istess kundizzjonijiet, għat-tliet kumpaniji Terni. Il-benefiċjarju ewlieni (f'termini ta' kwantità ta' elettriku sussidjat, kemm f'termini assoluti kif ukoll bħala proporzjoni tal-konsum ta' l-elettriku totali tal-kumpanija) huwa ThyssenKrupp.

(18) Id-dewmien tat-tariffa speċjali inzerta mal-perjodu ġenerali tal-konċessjonijiet ([4]) idroelettriċi fl-Italja, li kellhom jiskadu fl-1992. Il-konċessjoni ta' l-idroelettriku ta' Società Terni ġiet mogħtija għal perjodu eċċezzjonali ta' 60 sena (minflok in-normal ta' 30 sena) u kellha tiskadi fit-tmiem tat-tmeninijiet.

(19) Fl-1991, l-Italja estendiet il-konċessjonijiet eżistenti idroelettriċi sa l-2001 bil-liġi Nru 9 tad-9 ta' Jannar 1991 "Implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet għal Pjan ġdid ta' l-Enerġija Nazzjonali: aspetti istituzzjonali, impjanti ta' l-idroelettriku u netwerks, idrokarboni u enerġija ġeotermali, awto-produtturi u dispożizzjonijiet fiskali" (minn issa 'l quddiem: il-Liġi 9/1991). Bil-virtu' ta' l-Artikolu 20, paragrafu 4 tal-Liġi 9/1991, l-Italja tawwlet ukoll sa l-2001 it-tariffa preferenzjali għall-kumpaniji Terni. Matul is-6 snin sussegwenti (2002-2007) il-kwantitajiet ta' elettriku sussidjat fornut lill-kumpaniji Terni kien gradwalment imnaqqas sabiex il-vantaġġ fit-tariffi jintemm bil-mod sat-tmiem ta' l-2007.

([3]) L-Artikolu 4, paragrafu 6, l-ewwel inċiż, ittri (a) u (b) tal-Liġi 1643/62

([4]) Il-kumpaniji li jisfruttaw l-ilma pubbliku biex jiġġeneraw l-elettriku joperaw fuq il-bażi ta' konċessjoni (*concessione di derivazione idroelettrica*) li hija temporanja. Il-perjodu (ġeneralment tletin sena fl-Italja) huwa twil biżżejjed biex jippermetti li jiġu rkuprati l-ispejjeż ta' l-investiment tagħhom. Kif jiskadu l-konċessjonijiet, dawn għandhom jingħataw mill-ġdid fuq il-bażi ta' proċedura trasparenti ta' l-għażla.

(20) Il-Liġi 9/1991 inkludiet numru kbir ta' dispożizzjonijiet, li uħud minnhom involvew l-għajnuna ta' l-Istat. Il-Liġi 9/1991 kienet ippreżentata lill-Kummissjoni flimkien mal-Liġi 10/1991 "Dispożizzjonijiet implimentattivi għall-Pjan Nazzjonali ta' l-Enerġija fir-rigward ta' l-effiċjenza fl-enerġija, frankar ta' l-enerġija u l-iżvilupp ta' sorsi rinnovabbli ta' l-enerġija". Il-Kummissjoni ddikjarat kompatibbli l-għajnuna li kien hemm fiż-żewġ liġijiet taħt ir-regoli għall-għajnuna ta' l-Istat fl-1991 ([5]).

**Struttura tat-tariffa Terni**

(21) Il-kundizzjonijiet tat-tariffa preferenzjali ta' Società Terni kienu stabbiliti fl-Artikolu 6, 7 u 8 tad-Digriet Presidenzjali Nru 1165/63 Trasferiment lil Ente Nazionale per l'Energia Elettrica ta' l-assi użati għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) tal-Liġi Nru 1643 tas-6 ta' Diċembru 1962 imwettqa minn "Terni- società per l'Industria e l'Elettricità S.p.A." (minn issa 'l quddiem: DPR 1165/1963). DPR 1165/1963 stabilixxa li l-ENEl se tforni lil Società Terni b'ammont fiss ta' elettriku (1 025 000 MWh fis-sena) li huma l-ekwivalenti tal-konsum ta' l-elettriku tal-kumpanija fl-1961, flimkien ma' ammont ekstra ta' (595 000 MWh fis-sena) li jikkorrispondi għall-konsum addizzjonali mistenni minħabba investimenti li saru imma li ma kinux għadhom twettqu fl-1962.

(22) Il-prezz preferenzjali kien kalkulat billi jiġu kumparati żewġ metodi alternattivi u li jiġi applikat dak li kien l-aktar favorevoli għall-kumpanija.

(a) L-1 Alternattiva kienet bażata fuq il-prezz medju ta' l-elettriku li ħallsu l-fergħat tal-manifattura ta' Società Terni lill-fergħat ta' l-elettriku tal-kumpanija (li jikkorrispondi ma' l-ispiża tal-produzzjoni ta' l-impjant idroelettriku ta' Terni stess).

(b) It-2 Alternattiva kienet marbuta mal-prezz ta' referenza ta' ENEL għal konsumatur li jkollu l-istess profil (awto-produttur) bħal Società Terni.

(23) Fil-prattika, l-ewwel metodu kien użat sa l-2000, meta t-tibdiliet fl-istruttura Taljana tat-Tariffi minħabba li l-liberalizzazzjoni tas-suq ta' l-elettriku għamluha neċessarju li wieħed jaqleb għat-tieni metodu.

(24) Fl-1997 bdiet il-bidla fl-istruttura tat-tariffi, bl-introduzzjoni ta' tariffa strutturata li tikkonsisti f'żewġ partijiet: Parti A tirrappreżenta spejjeż fissi u ġenerali u Parti B li tirrifletti spejjeż varjabbli. Mill-1 ta' Jannar 2000, it-tariffa Terni ngħatat fil-forma ta' komponent kumpensatorju (*componente compensativa*) kalkulat bħala s-somma tal-komponenti kollha tat-tariffa li Terni, bħala awto-produttur (virtwali), ma kinitx meħtieġa tħallas (il-parti sħiħa ta' parti B u biċċa minn parti A). Dan il-metodu jikkorrispondi mat-tieni mill-metodi alternattivi deskritti fid-Digriet 1165/63.

(25) It-tnaqqis gradwali tal-kwantitajiet ta' l-elettriku mwassla lill-kumpaniji Terni bil-prezz preferenzjali matul il-perjodu ta' tnaqqis (2002-2007) huwa muri hawn taħt:

| Sena | GWh | MW |
|---|---|---|
| 2001 | 1 620 | 270 |
| 2002 | 1 389 | 231 |
| 2003 | 1 157 | 193 |
| 2004 | 926 | 154 |
| 2005 | 694 | 116 |
| 2006 | 463 | 77 |
| 2007 | 231 | 39 |

**It-tieni estensjoni tat-tariffa**

(26) Bl-Artikolu 11, paragrafu 11 tal-Liġi 80/2005, l-Italja ddeċidiet li tinterrompi t-tnaqqis u testendi mill-ġdid l-arranġament tat-tarrifi Terni sa l-2010. L-Artikolu 11, paragrafu 13 tal-Liġi għamel din il-miżura applikabbli mill-1 ta' Jannar 2005. Ftit żmien wara, il-konċessjonijiet idroelettriċi ordinarji ġew estiżi sa l-2020 ([6]).

(27) It-tieni estensjoni tat-tariffa hija l-miżura li fuqha l-Kummissjoni fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali skond l-Artikolu 88(2) tat-Trattat u li hija s-suġġett ta' din id-deċiżjoni.

(28) Il-Liġi 80/2005 tistabbilixxi li, sa l-2010, il-kumpaniji Terni jibbenefikaw mill-istess trattament li gawdew sal-31 ta' Diċembru 2004 f'termini ta' kwantitajiet fornuti (926 GWh għat-tliet kumpaniji Terni) u prezzijiet ta' 1.32 eurocent/kWh). Il-kwantitajiet ta' elettriku fornut huma mqassma kif ġej: Thyssen-Krupp 86 %, Nuova Terni Industrie Chimiche 10 % u Cementir 4 %.

(29) Il-Liġi 80/2005, kif interpretata u implimentata fl-AEEG, introduċiet ukoll mekkaniżmu ta' indiċjar fejn, mill-1 ta' Jannar 2006, it-tariffa prefenzjali tiżdied kull sena skond iż-żidiet fil-prezz irrekordjati fuq l-Iskambji Ewropej ta' l-Elettriku ta' Amsterdam u Frankfurt, soġġetti għal massimu ta' 4 %.

([5]) Għajnuna ta' l-Istat NN 52/1991, ittra SG (91) D/15502.

([6]) Artikolu 1, paragrafu 285 tal-Liġi 266/2005

**Mekkaniżmu ta' finanzjament**

(30) It-tariffa preferenzjali Terni kienet inizjalment ġestita u mħallsa mill-kumpanija ta' l-Istat ENEL, li kellha monopolju fil-ġenerazzjoni, trażmissjoni, importazzjoni, distribuzzjoni u provvista ta' l-elettriku fl-Italja.

(31) Fl-2002, hekk kif is-suq ta' l-elettriku ġie gradwalment liberalizzat u l-ENEL ma kellhiex aktar pożizzjoni ta' monopolju, il-piż finanzjarju li ġej mis-sistemi ta' tariffi preferenzjali kien trasferit mill-ENEL għall-utenti kollha ta' l-elettriku ([7]). Il-komponenti kumpensatorji dovuti lill-kumpaniji Terni kienu avvanzati mid-distributuri ta' l-elettriku, li kienu mbagħad rimborsati mill-korp ta' l-Istat *Cassa Conguaglio per il Settore Elettrico* (Fond ta' Ugwalizzar għas-Settur ta' l-Elettriku, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "*Cassa Conguaglio*") permezz ta' taxxa parafiskali miġbura permezz tal-komponent A4 tat-tariffa ta' l-elettriku, li hija waħda mill-punti ta' spiża li jidhru fuq il-kont ta' l-elettriku.

(32) Fl-2004 AEEG iddeċidiet li tgħaddi kompletament l-immaniġġjar amministrattiv ta' l-iskemi speċjali tat-tariffi lil *Cassa Conguaglio* ([8]). Minn Settembru 2004, il-kumpaniji Terni jħallsu prezz tas-suq għall-elettriku li jixtru (fis-suq liberalizzat) u jirċievi mill-*Cassa Conguaglio* rimborż li jikkorrispondi mad-differnza bejn il-prezz imħallas u l-prezz preferenzjali li għalih huma intitolati (il-komponent kumpensatorju) filwaqt li jitnaqqsu l-ħlas tat-trasport, il-kejl u l-bejgħ. L-ispejjeż jitħallsu mill-konsumaturi ta' l-elettriku fl-Italja permezz ta' taxxa parafiskali msemmija fil-paragrafu (30) hawn fuq.

**Il-garanzija imposta mill-AEEG**

(33) Wara li l-Kummissjoni bdiet proċedura ta' investigazzjoni formali, l-AEEG, b'*Delibera* 190/06, għamlet ħlasijiet taħt il-Liġi 80/2005 b'kundizzjoni tad-dispożizzjoni, mill-kumpaniji Terni, ta' garanzija li tkopri r-riskju ta' rkupru ta' l-għajnuna.

(34) Bl-istess *Delibera*, l-AEEG prevediet, bħala alternattiva, il-possibbiltà li tħallas fl-2006 bħala avvanza l-ammonti ta' għajnuna li jkunu saru dovuti sat-tmiem ta' l-arranġament preċedenti (2007) fuq il-bażi tal-Liġi 9/1991. Għal dawn l-ammonti, l-AEEG ma talbitx garanzija. Din l-għażla ttieħdet mill-kumpaniji Terni u kienet implimentata mill-AEEG.

([7]) *Delibera* AEEG Nru 228/01
([8]) *Delibera* AEEG Nru 148/04.

(35) Bl-eċċezzjoni ta' ħlasijiet avvanzati msemmija fil-paragrafu (33) hawn fuq, il-ħlasijiet l-oħra kollha li jsiru lill-kumpaniji minn *Cassa Conguaglio* taħt il-Liġi 80/2005 huma koperti b'garanzija.

III. **DEĊIŻJONI BIEX JINGĦATA BIDU GĦAL PROĊEDIMENTI TAĦT L-ARTIKOLU 88.2 TAT-TRATTAT TAL-KE**

(36) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li jingħata bidu għal investigazzjoni formali kienet bażata fuq ir-raġunijiet deskritti fil-punti (37) sa (41).

(37) Il-Kummissjoni esprimiet dubji jekk it-tariffa setgħetx tiġi meqjusa miżura ta' kumpens minħabba li Soċietà Terni kienet impriża ta' l-Istat fiż-żmien tan-nazzjonalizzazzjoni. Minħabba li l-Istat ma jistax jesproprja lilu nnifsu, il-Kummissjoni kellha dubji jekk it-trasferiment ta' l-assi ta' Società Terni lil ENELs setax jitqies bħala esproprjazzjoni li tintitola lil Società Terni għal kumpens, u fformulat l-ipoteżi li trasferiment simili jista' jitqies bħala sempliċiment ristrutturar ta' l-assi ta' l-Istat innifsu.

(38) Il-Kummissjoni kienet tal-punt li, anki kieku n-natura kumpensatorja tal-miżura kellha tiġi aċċettata, xorta kien ikun hemm dubji rigward il-proporzjonalità ta' dan il-kumpens fir-rigward tad-dannu finanzjarju soffrut minn Società Terni. Il-Kummissjoni b'mod partikolari esprimiet dubji li l-kumpens seta' xorta jiġi ġustifikat wara 44 sena.

(39) Il-Kummissjoni nnutat li n-natura tat-tariffa jidher li nbidel wara li l-ENEL waqfet tamministra l-iskema u l-piż finanzjarju li jfiġġ minnha.

(40) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ proċedura kienet bażata wkoll fuq id-Deċiżjoni ECSC 83/396: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ġunju 1983 rigward l-għajnuna li l-gvern Taljan għandu l-intenzjoni li jagħti lil ċerti produtturi ta' l-azzar ([9]), li eskluda għajnuna simili milli tingħata lil Società Terni, u s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ C 99/92 ([10]), fejn il-Qorti aċċettat id-Deċiżjoni ECSC msemmija qabel, bħala evidenza li t-tariffa Terni kienet diġà misjuba li tikkostitwixxi għajnuna ta' l-Istat.

([9]) ĠU L 227 tad-19.8.1983, p. 24.
([10]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għal *Terni SpA u Italsider v Cassa Conguaglio per il settore elettrico*, referenza għal sentenza preliminarja, Każ C 99/92, [1994] ECR p. I-00541

(41) Id-deċiżjoni tal-ftuħ indikat ukoll li ThyssenKrupp kienet għadha ma ħallsetx għotja ta' għajnuna ta' l-Istat mill-Italja li kienet dikjarara inkompatibbli ([11]), u għalhekk skond il-ġurisprudenza *Deggendorf* ([12]), ma setgħetx tirċievi aktar għajnuna ta' l-Istat.

## IV. KUMMENTI MINGĦAND PARTIJIET INTERESSATI

### Kummenti mill-kumpaniji Terni

(42) Il-parti l-kbira ta' l-osservazzjonijiet sottomessi mill-kumpaniji Terni dwar il-funzjonament ta' Società Terni bħala *ente pubblico economico*, in-natura ta' l-operazzjoni li wasslet għat-trasferiment ta' l-assi tal-kumpanija, in-natura kumpensatorja tat-tariffa, l-interpretazzjoni tad-Deċiżjoni ta' l-ECSC u s-sentenza ta' l-QEĠ kif ukoll ir-rwol tal-*Cassa Conguaglio* huma fil-parti l-kbira ekwivalenti għal dawk ta' l-Italja, li huma mqassra fil-punti (52) sa (69). Għalhekk, huma biss l-osservazzjonijiet ewlenin tal-kumpaniji Terni u l-elementi addizzjonali sottomessi li se jiġu rappurtati hawn fil-punti (43) sa (51).

*In-Natura tal-kumpens*

(43) Skond il-kumpaniji Terni, it-tariffa hija kumpens leġittimu li għaliha Società Terni kienet intitolata wara l-esproprjazzjoni ta' l-assi tagħha u għalhekk ma tistax tikkwalifika bħala għajnuna ta' l-Istat.

*Adegwatezza tal-kumpens*

(44) Rigward l-adegwatezza tal-kumpens, il-kumpaniji Terni irrittraċċaw il-passat tat-tariffa, u wrew li l-estensjonijiet kollha tat-tariffa Terni wara l-1991 kienu konkomitanti mat-tiġdid ġenerali tal-konċessjonijiet idroelettriċi għal ġeneraturi oħra, u għalhekk, konformi mal-prinċipju li ma għandux ikun hemm diskriminazzjoni bejn Terni u awto-produtturi oħra li ma kinux ġew esproprjati u li għalhekk setgħu jkomplu jipproduċu u jikkonsmaw l-elettriku bi prezz baxx ħafna.

(45) Il-kumpaniji Terni qalu wkoll li l-ammonti finanzjarji li rċevew fil-forma ta' tariffi aktar baxxi ta' l-elettriku qatt ma qabżu d-differenza bejn il-prezz ta' l-akkwist ta' l-enerġija fis-suq u l-prezz ta' l-elettriku awto-prodott.

*Impatt fuq il-kummerċ*

(46) Il-kumpaniji Terni qalu li l-miżura ma kellhiex impatt fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri għar-raġunijiet li jidhru hawn taħt.

(a) Cementir: Fl-impjant tagħha ta' Spoleto (l-impjant li jibbenefika mit-tariffa) Cementir tipproduċi u tbiegħ prinċipalment is-siment, li huwa wżat fl-industrija tal-kostruzzjoni. Is-siment huwa diffiċli li jiġi sostitwit bi prodotti oħra. Minħabba li m'huwiex ekonomiku għat-trasport, is-suq ġeografiku għat-trasport huwa reġjonali jew multi-reġjonali. L-importazzjonijiet tas-siment huma negliġibbli fl-Italja, minħabba li jammontaw għal 5 % tad-domanda kollha fl-Italja u Cementir tbiegħ il-produzzjoni kollha ta' l-impjant ta' Spoleto fl-Italja ċentrali.

(b) Nuova Terni Industrie Chimiche: L-impjant li jibbenefika mit-tariffa jipproduċi l-ammonia u l-aċidu nitriku. L-Ammonia tista' tiġi trasportata ekonomikament biss bil-baħar u l-portijiet iridu jkunu mgħammra għall-ħażna tagħha. Ma hemmx impjanti simili tal-ħażna fl-Italja ċentrali. L-istess japplika għall-aċidu nitriku. Għalhekk, il-kumpaniji Terni jsostnu li s-suq ġeografiku huwa nazzjonali. Id-domanda nazzjonali hija sodisfatta bil-produzzjoni domestika u ma hemmx flussi tal-kummerċ.

ċ) ThyssenKrupp: il-kumpaniji Terni jsostnu li s-suq għad-distribuzzjoni (mhux il-produzzjoni jew il-bejgħ) tal-prodotti ta' l-azzar huwa nazzjonali. B'mod partikolari, l-impjant ta' Terni ta' ThyssenKrupp ibiegħ biss 6 % tal-produzzjoni tiegħu lill-Unjoni Ewropea.

*Aspettattivi leġittimi*

(47) Il-kumpaniji Terni jsostnu aspettattivi leġittimi għal żewġ raġunijiet.

(a) L-ewwel, l-awtoritajiet Taljani espliċitament ikkonfermant, f'ittra lill-AEEG, li n-natura tat-tariffa kienet kumpensatorja u li l-estensjoni ta' l-iskema tat-tariffa eżistenti ma kinitx soġġetta għal notifika minn qabel lill-Kummissjoni taħt ir-regoli ta' l-għajnuna ta' l-Istat ([13]);

(b) It-tieni, il-Kummissjoni ma kkumentatx dwar il-miżura in kwestjoni, la meta ġiet estiża bil-Liġi 9/1991 (approvata fil-kuntest tal-każ NN 52/1991), u lanqas meta l-informazzjoni dwar it-tieni estensjoni ġiet sottomessa fil-kuntest ta' proċedura oħra ta' għajnuna ta' l-Istat (C13/06).

([11]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni SEC/1999/687 tal-11 ta' Mejju 1999 f'Każ C 49/98, Miżuri favur l-impjegar, l-Artikoli 15 u 26 tal-Liġi 196/97, ĠU L 42, 15.2.2000, p. 1-18.

([12]) Sentenza tal-QEĠ f'Deggendorf v il-Kummissjoni, Każ C-355/95 [1997] ECR p. I-02549

([13]) Komunikazzjoni tas-16.12.2005 tal-Ministeru għall-attivitajiet produttivi lil AEEG.

*Aċċettazzjoni ta' għajnuna ta' l-Istat għat-tieni estensjoni*

(48) Il-Kumpaniji Terni ppreżentaw ukoll, f'dan il-kuntest, li meta l-Artikolu 11, paragrafu 12 tal-Liġi 80/2005 (li tistabbilixxi tariffa preferenzjali għal ċerti kumpaniji intensivi fl-enerġija f'Sardinja, każ C 13/06) ġie notifikat lill-Kummissjoni, l-awtoritajiet Taljani kienu ppreżentaw informazzjoni u kjarifiki wkoll dwar it-tariffa Terni, biex in-notifika tista' tiġi kunsidrata kompluta fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 4, paragrafu 5 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE [14]. Il-Kummissjoni naqset milli tieħu deċiżjoni fi żmien xahrejn, u għalhekk, anki jekk it-tariffa kellha tiġi kunsidrata għajnuna ta' l-Istat, *quod non*, għandha tiġi meqjusa bħala awtorizzata fuq il-bażi ta' l-Artikolu 4, paragrafu 5 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 [15].

(49) Il-kumpaniji Terni jissottolineaw li l-fiduċja tagħha hija sostanzjata mill-fatt li f'każijiet ta' dubji dwar il-kompatibbiltà tat-tariffa, ThyssenKrupp ċertament ma jkunux nedew investiment fuq skala kbira fiż-żona ta' Terni.

*Ammonti riċevuti*

(50) Il-kumpaniji terni jindikaw li, fin-nuqqas tal-Liġi 80/2005, huma jkunu bbenefikaw sal-31 ta' Diċembru 2007 mit-tariffa preferenzjali fuq il-bażi ta' l-Artikolu 20, paragrafu 4 tal-Liġi 9/1991 (approvata mill-Kummissjoni). L-AEEG awtorizza lil *Cassa Conguaglio* biex iħallas fl-2006 (ħlas bil-quddiem) biss is-somom li kienu jiġu dovuti fl-2007 [16]. Għalhekk, l-ammonti li waslu sal-31 ta' Diċembru 2006 għandhom jiġu kunsidrati awtorizzati. Skond il-kumpaniji, id-dispożizzjonijiet tad-*Decreto-legge* Nru 80/2005 ma ġewx implimentati *de facto* fir-rigward ta' dawn l-ammonti.

*Il-ġurisprudenza Deggendorf*

(51) Rigward il-ġurisprudenza *Deggendorf*, ThyssenKrupp tiddikjara d-disponibbiltà tagħha, fil-prinċipju, li tħallas lura l-għajnuna ta' l-istat, soġġetta li jintlaħaq ftehim dwar l-ammont li jrid jiġi rkuprat.

## V. **KUMMENTI MILL-ITALJA**

*L-esproprjazzjoni ta' l-assi ta' Terni u l-jedd tagħha għall-kumpens*

(52) L-Italja ssottomettiet li l-assi ta' Terni kienu nazzjonalizzati bħala eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita fil-liġi tan-nazzjonalizzazzjoni, li skond liema awto-produtturi ma kinux se jkunu soġġetti għal esproprjazzjoni. Il-liġi tan-nazzjonalizzazzjoni ta' l-1962 kienet bażata fuq l-Artikolu 43 tal-Kostituzzjoni Taljana, li skond liema ċerti impriżi li jwettqu servizzi ta' interess pubbliku fundamentali jew fis-settur ta' l-enerġija setgħu jiġu trasferiti lill-Istat permezz ta' esproprjazzjoni, sakemm jingħata kumpens.

(53) Rigward id-dubji tal-Kummissjoni rigward il-possibbiltà ta' assi esproprjati li kienu jappartjenu lill-kumpanija ta' l-Istat, l-Italja ssottomettiet li la fl-Artikolu 42, u lanqas fl-Artikolu 43 tal-Kostituzzjoni l-idea ta' esproprjazzjoni ma hi limitata għal proprjetà privata. L-esproprjazzjoni tal-fergħa ta' l-elettriku ta' Società Terni kienet meħtieġa legalment, skond l-Italja, minħabba li Terni kienet kontrollata minn "*ente pubblico economico*", li bil-kontra ta' "*ente pubblico*" kienet obbligata li topera skond il-prinċipji tas-suq. Il-liġi tan-nazzjonalizzazzjoni ma prevediet ebda kumpens għall-impenji mmaniġġjati minn entitajiet pubbliċi *strictu sensu*, imma prevediet kumpens lil Terni fid-dawl ta' l-istatus differenti fil-mod ta' funzjonament.

(54) Rigward l-istruttura ta' sjieda ta' Terni, l-Italja tissottolinea li Terni kienet kumpanija ta' l-istokk konġunta (*società per azioni*) fejn l-Istat kellu parti maġġoritarja, imma kien hemm ekwitajiet ta' numru kbir ta' investituri privati. L-Italja provdiet dokumentazzjoni li turi li l-kapital ta' Terni kien parti f'idejn il-privat u li l-kumpanija kienet kwotata fil-Borża.

(55) Skond l-Italja, in-nuqqas ta' l-istess dritt ta' kumpens adegwat lil Terni li kumpanija privata kellha dritt għalih kien jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju tan-newtralità tas-sjieda mnaqqax fl-Artikolu 295 tat-Trattat tal-KE.

(56) L-Italja tikkwota numru ta' sentenzi tal-*Corte di Cassazione* u l-*Consiglio di Stato* fejn dawn il-Qrati kkonfermaw li l-loġika tat-tariffa għal Terni kienet li l-kumpanija titqiegħed fl-istess livell bħal awto-produtturi ta' l-elettriku minn sorsi rinnovabbli ta' l-enerġija, u għalhekk it-tariffa ma setgħetx tiżdied permezz ta' supplimenti li ma japplikawx għall-awto-produtturi.

(57) Rigward il-produtturi l-oħra ta' l-elettriku li kienu wkoll esproprjati, l-Italja tissottometti li, bl-eċċezzjoni ta' Terni, il-produtturi kollha esproprjati kienu impriżi attivi primarjament jew esklussivament fil-produzzjoni, l-importazzjoni jew il-forniment ta' l-elettriku. Bħala regola ġenerali, il-kumpens imħallas mill-Istat jirrifletti l-valur tas-suq ta' l-assi, li kienu kalkolati b'mod differenti skond it-tip ta' kumpanija. Il-valur nett ta' l-assi ttieħed bħala valur ta' referenza, imma kien korrett fuq il-bażi ta' fatturi oħra li l-Italja ma identifikatx fid-dettall. Għall-produtturi ta' l-idroelettriku, l-osservazzjonijiet Taljani jissuġġerixxu li d-dewmien residwu tal-konċessjoni kellu rwol fil-kalkolazzjoni tal-kumpens.

[14] ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1
[15] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna nru 14.
[16] Delibera AEEG 190/2006

*In-natura li t-tariffa ta' Terni mhix għajnuna u l-aċċettazzjoni tagħha taħt ir-regoli ta' l-għajnuna ta' l-Istat*

(58) L-Italja tissottometti li kemm fl-arranġament oriġinali tat-tariffa – li kkostitwixxa kumpens leġittimu lil Terni għall-esproprjazzjoni ta' l-assi tagħha - u l-estensjoni tiegħu fiż-żmien ma jikkostitwixxux għajnuna ta' l-Istat. Biex tissostanzja din l-istqarrija, l-Italja tikkwota numru ta' sentenzi tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, li jikkonċernaw in-natura ta' ċerti forom ta' kumpens li m'humiex għajnuna lil intrapriżi ([17]), notevolment kumpens għal danni u servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali.

(59) Rigward l-aċċettazzjoni ta' l-għajnuna ta' l-Istat tat-Tariffi Terni, l-Italja tissottolinea li l-Liġi 9/1991, li tistabbilixxi l-ewwel estensjoni tat-tariffa, kienet notifikata kif suppost lill-Kummissjoni u din approvatha. L-estensjonijiet sussegwenti tat-tariffa, li huma konkomitanti ma' l-estensjonijiet tal-konċessjonijiet idroelettriċi għall-produtturi ta' l-idroelettriku, isegwu l-istess loġika, u l-Kummissjoni qatt ma għamlet oġġezzjonijiet għalihom. Għalhekk, skond l-Italja, it-tariffa Terni għandha tiġi kunsidrata bħala miżura eżistenti li mhix għajnuna.

(60) L-Italja ssottomettiet li dejjem aġixxiet b'intenzjoni tajba. Hija ma nnotifikatx taħt l-Artikolu 88 (3) l-estensjoni kontestata ta' l-arranġament tat-tariffa għal Terni minħabba, li fl-opinjoni tagħha, din ma kkostitwixxietx għajnuna ta' l-Istat. L-Italja tissottolinea li l-Kummissjoni kienet informata bl-eżistenza ta' din il-miżura (Rapport ta' Novembru 2005 u ittra ta' Frar 2006).

(61) Rigward ir-raġunijiet ta' politika għat-tieni estensjoni, l-Italja tissottometti li t-tariffa hija meħtieġa biex tistabbilixxi livell ugwali bejn dawn il-kumpaniji intensivi fl-enerġija attivi fl-Italja u l-kompetituri tagħhom fl-UE ([18]), li wkoll jibbenefikaw minn prezzijiet imnaqqsa ta' l-enerġija (tariffi jew bażati fuq kuntratt). Jekk it-tariffa tiġi mneħħija, il-kumpaniji fil-kwistjoni jmexxu l-operazzjonijiet tagħhom barra l-UE. Inevitabbilment dan iwassal għal kriżi industrijali u jġib telf ta' impjiegi fir-reġjun. Għalhekk, skond l-Italja, id-dewmien tat-tariffa għandu jiġi meqjus bħala soluzzjoni tranżizzjonali. L-Italja tikkwota l-konklużjonijiet tal-*Grupp ta' livell għoli dwar il-kompetittività, l-enerġija u l-ambjent* ([19]) li jissuġġerixxi, soluzzjoni fit-tul, it-titjib ta' l-interkonnessjoni u l-infrastruttura, u bħala soluzzjoni fuq perjodu medju, kuntratti ta' fornitment fit-tul u sħubiji bejn il-klijenti u l-fornituri/ġeneraturi ta' l-enerġija.

*In-nuqqas ta' kumpens żejjed*

(62) Rigward in-nuqqas ta' kumpens żejjed, l-Italja qed tagħmel dawn l-osservazzjonijiet. Kieku Terni żammet l-assi tagħha, kienet tkun tista' tbigħ parti mill-enerġija tagħha lil partijiet terzi, u hekk tikseb profitt addizzjonali. Id-dannu li sofriet Terni sar aġħar minn żieda qawwija, matul is-snin, fil-prezzijiet ta' l-elettriku. Il-proċess ta' liberalizzazzjoni li għadu mhux komplut tas-swieq ta' l-enerġija għadu ma ġabx ir-riżultati mistennija f'termini ta' prezzijiet kompetittivi ta' l-elettriku, u għalhekk il-bżonn li Terni tiġi kumpensata għadu jeżisti. Il-kumpaniji Terni bħalissa qed iħallsu prezz (bejn € 40 u € 72/MWh) li prinċipalment huwa konformi mal-prezzijiet ta' l-elettriku mħallsa mill-kumpanija bi profil ekwivalenti tal-konsum fl-UE. Kieku Terni żammet l-assi tagħha, kienet tkun qed tħallas bejn € 5 u € 7 għal kull MWh ta' elettriku awto-prodott. L-Italja għalhekk ikkonkludiet li t-tariffa ma tinvolvix kumpens żejjed.

(63) L-Italja ppreżentat "studju" li sar mill-konsulent privat *Energy Advisor S.r.l.* f'isem il-kumpaniji Terni. L-istudju, li forsi huwa deskritt aħjar bħala sempliċi "kalkolazzjoni" minħabba li jikkonsisti f'tabella waħda bi ftit paġni ta' spjegazzjonijiet metodoloġiċi, għandu l-għan li jevalwa l-valur ta' l-assi ta' l-elettriku u jqabbel din iċ-ċifra mal-vantaġġ tat-tariffa kumulattiva li tgawdi Terni. L-istudju jqis il-valur ta' l-assi ta' l-elettriku skond il-kotba u jattwalizzah għall-2006 skond l-inflazzjoni. L-istudju imbagħad jikkalkula l-vantaġġ nett tat-tariffa għal Terni. Għall-perjodu 1963-1999, l-istudju jikkunsidra d-differenza bejn l-ispejjeż annwali ta' l-elettriku ta' klijent kumparabbli (Alternattiva 2) u l-ispejjeż annwali proprja li kellha Terni fuq "l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħha" (Alternattiva 1). Għall-iskop ta' dan il-kalkolu, klijent kumparabbli huwa awto-produttur ta' l-elettriku (eżentat, *inter alia*, mill-ħlas ta' *sovrapprezzo termico*). Għall-perjodu 2000-2006, il-vantaġġ tat-tariffa huwa kalkolat bħala d-differenza bejn l-ispiża annwali li Terni tkun ħallset kieku t-tariffa kienet kalkolata fuq il-bażi ta' l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħha (Alternattiva 1 – mhux possibbli wara r-riforma fit-tariffa) u l-ispiża proprja sostnuta minn Terni fuq il-bażi tal-metodu tal-"klijent kumparabbli" (Alternattiva 2). Ir-riżultati ta' l-istudju huma elenkati hawn taħt:

(a) Valur attwalizzat (2006) ta' l-assi ta' Terni: € 1 687 745 045,19

([17]) Notevolement is-sentenzi li ġejjin: A.D.B.H.U., Każ C 240/83 tas-7.2.1985 ECR (1985) p. 00531, Asteris, każijiet konġunti 106-120/87 tas-27.9.1988, ECR (1988) p. 05515 Altmark, Każ C-280/00 ta' l-24/7/2003, (ECR 2003) p. I-07747; Ferring, Każ C 53/00 tat-22.11.2001, ECR (2001) p. I-09067.

([18]) Notevolemnt fi Franza, il-Ġermanja, Spanja, il-Greċja u l-Finlandja. L-Italja provdiet deskrizzjoni ta' skema allegatament fis-seħħ f'dawn il-pajjiżi favur industriji intensivi fl-enerġija.

([19]) L-ewwel Rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli "Nikkontribwixxu għal strateġija integrata dwar il-kompetittività, l-enerġija u l-politiki ambjentali - il-funzjonament tas-suq ta' l-enerġija, l-aċċess għall-enerġija, l-effiċjenza ta' l-enerġija u l-Iskema tan-Negozjar ta' l-UE għall-Emmissjonijiet" tat-2 ta' Ġunju 2006.

(b) Vantaġġ tat-tariffa (attwalizzata wkoll għall-2006): € 1 400 895 446,90

(64) L-istudju għalhekk jikkonkludi li ma kienx hemm kumpens żejjed għat-telf ta' Terni. Kalkolu prospettiv tat-tariffa vantaġġjuża lil Terni sa l-2010 juri wkoll in-nuqqas ta' kumpens żejjed.

*L-irrilevanza tad-Deċiżjoni ECSC u s-Sentenza tal-QEĠ rigward Terni*

(65) Rigward id-Deċiżjoni ta' l-ECSC 83/396 u s-sentenza tal-QEĠ C-99/92, l-Italja għamlet il-kjarifiki fattwali li ġejjin. Id-Deċiżjoni ECSC ma tikkonċernax la lil Cementir u lanqas lil Nuova Terni, li qatt ma kienu attivi fis-settur ta' l-azzar. Id-Deċiżjoni ECSC irreferiet għall-kompatibbiltà ta' l-għajnuna ta' l-Istat mogħtija fil-forma ta' rimborż bħala komponent tat-tariffa, is-*sovrapprezzo termico* lill-impjant li jappartjeni lil fergħa ta' Terni li tipproduċi l-azzar, li qiegħed f'Lovere, fil-Lombardija, mhux fiż-żona ta' Terni. Din l-għajnuna setgħet tingħata biss lil produtturi ta' l-azzar privati. Id-Deċiżjoni ta' l-ECSC kienet li minħabba li Terni ma kinitx proprjetà ta' l-Istat, l-impjant ta' Lovere ma setax jibbenefika mill-għajnuna. Is-sentenza preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja rrigwardat il-kwistjoni ta' diskriminazzjoni possibbli bejn il-produtturi privati u dawk ta' l-Istat. Hija kkonfermat id-Deċiżjoni ECSC fil-fatt li ddikjarat li ma jkunx meqjus diskriminatorju li jiġu previsti miżuri differenti ta' għajnuna għal produtturi privati kontra dawk ta' l-Istat.

(66) Għalhekk, il-grupp Terni jissottometti li kemm id-Deċiżjoni ECSC kif ukoll is-sentenza huma irrelevanti fil-każ preżenti, fil-fatt li jikkonċernaw is-*sovrapprezzo termico* imħallas mill-impjant ta' Lovere, mhux it-tariffa globali speċjali mogħtija lit-tliet impjanti fiż-żona Terni.

*L-investimenti l-ġodda pjanati minn ThyssenKrupp fiż-żona Terni*

(67) L-Italja tissottolinea wkoll li l-estensjoni kontestata tat-tariffa stabbilita fl-Artikolu 11, paragrafu 11 tal-Liġi 80/2005 hija marbuta ma' programm ta' investimenti mifrux li ThyssenKrupp qed iwettaq fiż-żona industrijali Terni-Narni. Taħt dan il-pjan ta' azzjoni, kapaċità ġdida ta' ġenerazzjoni se tiġi żviluppata f'din iż-żona. It-tariffa hija għalhekk intenzjonata bħala soluzzjoni temporanja sakemm kapaċità ġenerattiva simili tidħol fis-seħħ, minħabba li l-abolizzjoni tagħha jipperikola l-investimenti li hemm bħalissa.

*Ir-rwol tal-Cassa Conguaglio u l-involviment tar-Riżorsi ta' l-Istat*

(68) Ir-rwol tal-Cassa Conguaglio u l-involviment tar-Riżorsi ta' l-Istat ([20]) u (b) il-bidliet li saru għall-amministrazzjoni tat-tariffi speċjali bl-intervent tal-Cassa Conguaglio fl-2004 ma għandhomx impatt fuq in-natura kumpensatorja tat-tariffa.

*Il-ġurisprudenza Deggendorf*

(69) Dwar il-ġurisprudenza Deggendorf, l-Italja infurmat lill-Kummissjoni li qed twettaq l-ordni ta' rkupru pendenti fir-rigward ta' ThyssenKrupp, u li l-kumpanija warrbet € 865 538 f'kont blukkat fid-dawl ta' l-irkupru finali, soġġett għal li jintlaħaq ftehim dwar l-ammont.

## VI. **VALUTAZZJONI TAL-MIŻURA**

(70) Il-kumpens mogħti mill-Istat għal esproprjazzjoni ta' l-assi normalment ma jikkwalifikax bħala għajnuna ta' l-Istat. Fil-valutazzjoni ta' din il-miżura, huwa għalhekk meħtieġ li l-ewwel jiġi aċċertat jekk it-trasferiment ta' l-assi ta' l-idroelettriku ta' Società Terni lil ENEL jagħtux lok għal obbligu li jiġi provdut kumpens, jew għandux jitqies bħala riorganizzazzjoni ta' l-assi pubbliċi. Jekk it-tweġiba hija li l-kumpens huwa ġustifikat, il-Kummissjoni mbagħad trid tiddetermina sa liema data u/jekk liema ammont it-tariffa preferenzjali Terni tista' tiġi kkunsidrata bħala miżura kumpensatorja ġusta.

**Kwalifika bħala esproprjazzjoni u jedd għal kumpens**

(71) Fl-1962, meta l-assi ta' l-idroelettriku kienu trasferiti lil ENEL, Società Terni kienet kumpanija ta' l-istat, kontrollata minn *ente pubblico economico*. Skond l-awtoritajiet Taljani, entitajiet simili kellhom jiġu mmaniġġjati skond il-prinċipji tas-suq. L-Istat kien l-akbar azzjonist f'Società Terni, imma parti tal-kapital kien ukoll ta' investituri privati u l-kumpanija kienet kwotata fil-Borża. Il-liġi tan-nazzjonalizzazzjoni ma prevedietx kumpens għal *enti pubblici "strictu sensu"*, imma għal *enti pubblici economici* bħal Società Terni. Dan jirrifletti l-prinċipji differenti li jiggvernaw il-funzjonament ta' dawn l-entitajiet. Aktar minn hekk, produtturi oħra "puri" ta' l-elettriku ġew esproprjati matul l-istess perjodu u wkoll irċivew kumpens (għalkemm fuq il-bażi ta' kriterji differenti).

([20]) Sentenza tal-QEĠ f'Pearle u oħrajn, (Każ C-345/02 [2004] ECR I-7139 u Preussen-Elektra, Każ C-379/98 [2001] ECR I-02099

(72) Il-Kummissjoni tinnota li t-tneħħija ta' l-assi ta' Società Terni mingħajr kumpens kienet tagħmel ħsara lill-interessi tal-kumpanija, u b'mod partikolari ta' l-azzjonisti privati tagħha. Fid-dawl tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza tat-trattament bejn l-impriżi privati u pubbliċi, u wkoll fid-dawl tal-bżonn li jiġu protetti d-drittijiet kostituzzjonali ta' l-azzjonijiet privati ta' Società Terni biex jirċievu kumpens, il-Kummissjoni tikkunsidra li d-deċiżjoni ta' l-Italja li tittratta lil Terni bl-istess mod bħal kumpanija privata fl-istess pożizzjoni, u li tagħtiha kumpens għat-tneħħija ta' l-assi tagħha, tista' tiġi kunsidrata ġustifikata.

**In-natura kumpensatorja tat-tariffa**

*L-arranġament kumpensatorju oriġinali*

(73) Fl-1962, l-Italja ddeċidiet li ma tikkumpensax lis-Società Terni sa ammont fiss ibbażat fuq il-valur tas-suq ta' l-assi espropriati (bil-kuntrarju ta li sar fil-każ ta' produtturi ta' l-elettriku "puri"). Minflok, il-kumpens ħa l-forma tal-provvediment ta' ammont fiss ta' elettriku bil-prezz li l-kumpanija tkun ħallset kieku żammet l-assi ta' ġenerazzjoni tagħha. Għandu jiġi nnutat li dan il-metodu kien jagħmel sens ekonomikament: it-trattament tas-Società Terni bħala "awto-produttur virtwali" ta' l-elettriku kellu l-vantaġġ li jinnewtralizza r-riskju ta' dannu addizzjonali li seta' sar lil Terni matul is-snin, fil-każ ta' żieda fil-prezzijiet ta' l-enerġija, per eżempju.

(74) Il-Kummissjoni tista' taċċetta l-prinċipju ta' dan il-metodu. Madankollu, il-kumpens għal esproprjazzjoni ma jistax jikkonsisti f'arranġament miftuħ, imma jrid ikun stabbilit b'mod ċar fil-ħin ta' l-esproprazzjoni, soġġett għall-kumpanija esproprjata li tikkontesta l-ammont propost. Ladarba aċċettat, il-pakkett kumpensatorju ma jistax jinfetaħ fi stadju aktar tard.

(75) Fil-każ preżenti, l-ammont ġenerali tal-kumpens iddependa fuq id-dewmien tat-tariffa. Il-pakkett kumpensatorju oriġinali offrut mill-awtoritajiet Taljani preveda li t-tariffa ddum tletin sena u għalhekk tintemm fl-1992. Soċietà Terni setgħet ikkuntestat dan il-mekkaniżmu taħt il-liġi ta' nazzjonalizzazzjoni kieku kkunsidratu inadegwat ([21]), imma għażlet li ma tagħmilx dan.

(76) Il-Kummissjoni evalwat jekk, fid-dawl tal-mekkaniżmu u d-dewmien, l-arranġament kumpensatorju oriġinali setax jiġi kunsidrat adegwat.

([21]) Il-mekkaniżmu għall-ikkuntestar ta' ammont ta' kumpens kien stabbilit bl-Artikolu 5, paragrafu 5 tal-liġi tan-nazzjonalizzazzjoni.

(77) Fl-Italja, l-operar ta' impjant ta' l-idroelettriku huwa soġġett għal konċessjoni, li d-dewmien huwa tali biex kumpanija tkun tista' tamortizza l-investiment. Meta l-konċessjoni tiskadi, fil-prinċipju, il-kumpanija titlef id-dritt li tisfrutta l-assi tagħha. Meta wieħed jikkunsidra l-metodu kumpensatorju ta' Terni, kien jagħmel sens li l-provvediment ta' l-elettriku bil-prezz tal-produzzjoni ma għandux idum aktar mid-dewmien residwali tal-konċessjoni tal-kumpanija. U dan jidher li kien ir-razzjonal tad-dispożizzjoni oriġinali tal-liġi Taljana li tillimita d-dewmien tat-tariffa preferenzjali għall-1992. Filwaqt li l-konċessjonijiet ta' Terni stess kienu jiskadu diġà ftit snin qabel, huwa inkonċepibbli li l-awtoritajiet Taljani kellhom l-intenzjoni li jallinjaw l-iskadenza tat-tariffa ta' Terni ma' l-iskadenza ġenerali tal-konċessjonijiet idroelettriċi fl-Italja fl-1992. Aktar minn hekk, Soċietà Terni ingħatat konċessjoni partikolarment twila (60 sena flok 30), u għalhekk, fiż-żmien ta' l-esproprjazzjoni, il-kumpanija diġà kellha 30 sena biex tamortizza l-investiment tagħha.

(78) B'konklużjoni, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-pakkett kumpensatorju oriġinali kien adegwat u b'ebda mod ma ppenalizza l-kumpanija.

(79) Il-kwistjoni kruċjali hija jekk l-estensjonijiet ripetuti ta' din l-arranġament tat-tariffa għadhomx jistgħu jiġu meqjusa bħala parti mill-kumpens. Il-Kummissjoni hi ta' l-opinjoni li dan mhux il-każ. Meta l-Istat jagħmel esproprjazzjoni, huwa jistabbilixxi *ex-ante* ammont assolut ta' kumpens, jew, bħal f'dan il-każ, mekkaniżmu ta' kumpens. Kull reviżjoni ex-post ta' l-ammonti jew tal-mekkaniżmu neċċasarjament ibiddel in-natura tal-miżura, li ma tibqax tiġi kunsidrata kumpensatorja meta titbiegħed mill-arranġament oriġinali. Li wieħed jammetti l-kuntrarju jirriżulta fl-esklużjoni ta' din it-tip ta' miżura mill-iskop tal-kontroll ta' l-għajnuna ta' l-Istat.

(80) Stat Membru jista' madankollu, jinnotifika lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tiegħu li jagħti aktar vantaġġi lil kumpanija esproprjata. Notifika simili tiġi eżaminata mill-Kummissjoni fuq il-meriti tagħha fid-dawl tar-regoli ta' l-għajnuna ta' l-Istat u billi jittieħed kont taċ-ċirkostanzi speċifiċi invokati.

*"L-istudju"*

(81) L-istudju msemmi fil-paragrafu (62) jipprova juri li l-kumpens mogħti lis-Soċietà Terni u lill-kumpaniji suċċessuri tagħha matul is-snin ma kopriex b'mod sħiħ il-valur tas-suq ta' l-assi esproprjati, u li għalhekk ma kienx hemm kumpens żejjed u li l-benefiċjarji *de facto* qatt ma gawdew vantaġġ.

(82) Bħala kumment preliminari, il-Kummissjoni tixtieq tissottolinea li analiżi ta' l-adegwatezza ta' ftehim kumpensatorju jista' jitwettaq biss *ex ante*, jiġifieri, fil-ħin ta' l-esproprjazzjoni. F'dak il-kuntest, irid jiġi nnutat li l-mekkaniżmu magħżul mill-awtoritajiet Taljani kien immirat biex iqiegħed lis-Soċietà Terni fl-istess pożizzjoni bħallikieku l-impjant ta' l-elettriku ma ġiex esproprjat, billi jagħtiha aċċess għall-elettriku bil-prezz tal-produzzjoni matul id-dewmien tal-konċessjoni. Għalhekk, l-argument, li taħt dan l-arranġament, il-kumpaniji Terni kisbu anqas milli għalih kienu leġittimament intitolati huwa diffiċli li jiġi segwit. Barra dan, il-Kummissjoni taċċetta, li anki jekk is-sejbiet ta' l-istudju kellhom jiġu sostanzjati (li m'huwiex il-każ, kif jidher fil-punti (87) sa (91), iċ-ċirkostanzi jkunu irrelevanti għall-iskop biex jiġi stabbilit jekk it-tariffa tatx xi vantaġġi lill-benefiċjarji.

(83) Irid jiġi mfakkar li fil-ħin ta' l-esproprazzjoni, l-Italja setgħet għażlet li tikkumpensa lil Terni billi ħallset ammont finanzjarju fiss bażat fuq il-valur ta' l-assi esproprjati. Madankollu, l-Italja għażlet metodu differenti, li kkonsista filli Soċietà Terni tiġi trattata bħala awto-produttur virtwali. Dan il-metodi kien jagħmel sens ekonomiku perfettament, u huwa fi ħdan dan il-qafas ta' referenza li l-preżenza ta' vantaġġ ekonomiku għandha tiġi evalwata. Meta wieħed isegwi dan il-metodu, wieħed irid jikkonkludi li, sa l-iskadenza ta' l-arranġament tat-tariffa kumpensatorja (u biss sa dik id-data) il-benefiċjarji ma rċevew ebda vantaġġ. Il-konklużjoni ma tistax tiġi ddubitata bħala riżultat tal-kalkolazzjonijiet tal-benefiċċju u t-telf, speċjalment fejn dawn jitwettqu rispettivament.

(84) Jekk jiġi wżat metodu differenti rispettivament (*ex-post*) dan iwassal għal riżultati illoġiċi u kunfliġġenti, kif juri l-eżempju li ġej. Per eżempju li kieku, minħabba splużjoni fil-prezzijiet ta' l-enerġija, l-ammonti finanzjarji li rċevew il-benefiċjarji kienu diġà qabżu l-valur tas-suq ta' l-impjant ta' Terni fl-ewwel 10 snin ta' l-arranġament tat-tariffa, bil-metodoloġija ta' l-istudju, għandu jiġi konkluż li kien hemm kumpens żejjed, anki jekk il-pakkett ta' l-esproprjazzjoni preveda li t-tariffa ddum 30 sena. Ovvjament dan ikun falz, minħabba li ma jkunx ittieħed kont tal-proporzjon ta' l-arranġament oriġinali. L-istess konklużjoni trid tapplika *a contrario*, bl-ipoteżi li l-ammonti proprja li ngħataw kienu anqas mill-valur ta' l-assi.

(85) Apparti dan, fil-kuntest ta' esproprjazzjoni, kalkolu mill-ġdid *ex-post* tal-benefiċċji u t-telf hi barra minn lokha. Irriżultat ekonomiku fit-tul ta' kumpanija esproprjata, li ma jistax jiġi mbassar fiż-żmien ta' l-esproprjazzjoni, ma jistax jiġi rivedut, snin wara, biex jiġu ġustifikati kumpensi oħrajn.

(86) Għalhekk, dan l-istudju għandu jitwarrab bħala irrelevanti.

(87) Minkejja dan il-Kummissjoni eżaminat id-*data* u s-sejbiet ta' l-istudju. Dan l-analiżi wera li l-istudju fih żbalji fil-metodoloġija. Kif jidher hawn taħt, huwa sistematikament jissottovaluta l-vantaġġ tat-tariffi għall-kumpaniji Terni, u probabbilment jevalwa għoli żżejjed il-valur ta' l-assi esproprjati.

(88) Sabiex jiġi kalkulat il-vantaġġ tat-tariffa għall-perjodu 1963-1999, l-istudju jqabbel il-prezz imħallas minn Terni (Alternattiva 1 – il-prezz ta' l-elettriku awto-prodott) mal-prezz ordinarju mħallas minn klijent kumparabbli, li jfisser awto-produttur li kien eżentat minn ċerti komponenti tat-tariffa (Alternattiva 2). Il-vantaġġ huwa għalhekk kalkulat bħala d-differenza bejn iż-żewġ trattamenti preferenzjali alternattivi previsiti bħala kumpens għal Terni. Il-Kummissjoni tinnota li, biex jiġi kalkulat il-vantaġġ tat-tariffa, it-tariffa proprja ta' Terni kellha titqabbel ma' tariffa ordinarja mħallsa minn produttur li ma jipproduċix l-elettriku bi profil ta' konsum bħal Terni. L-istudju għalhekk jissottovalwa l-vantaġġ tat-tariffa ta' Terni.

(89) Għall-perjodu 2000-2006, il-vantaġġ huwa għal darba oħra meqjus bħala d-differenza bejn iż-żewġ trattamenti preferenzjali, bl-unika differenza hija li l-prezz proprja mħallas minn Terni jikkorrispondi għal Alternattiva 2 (u mhux aktar Alternattiva 1, li ma kinitx aktar possibbli wara r-riforma tat-tariffa). B'dan il-metodu, għal xi snin il-vantaġġ jirriżulta li huwa negattiv, li juri l-iżbalji fil-metodoloġija, meta wieħed jikkunsidra li l-kumpaniji Terni dejjem ħallsu tariffa taħt il-prezz tas-suq. Fil-prinċipju, għal dan il-perjodu, il-vantaġġ tat-tariffa kellu sempliċiment ikun ekwivalenti għal komponent kumpensatorju mħallas minn *Cassa Conguaglio*. Għalhekk, għal darba oħra, il-vantaġġ huwa ferm sottovalutat.

(90) Żball ieħor huwa li l-istudju jikkonċerna l-valur ta' l-assi. L-istudju sempliċiment iqis bħala l-valur ta' l-assi d-differenzi bejn il-punt "impjant u makkinarju" fil-bażit ta' Terni ta' l-1962 (is-sena qabel il-nazzjonalizzazzjoni) u l-istess punt is-sena ta' wara. L-ewwelnett, għandu jiġi nnutat li m'hemmx prova konkreta li d-differenza hija attribwibbli esklussivament għat-telf ta' l-impjant idroelettriku. Madankollu, anki jekk, *arguendo*, il-valur għandu jiġi aċċettat, il-metodu użat fl-istudju xorta jkun żbaljat. Kif ikkonfermat mill-Italja, il-valur reali ta' l-impjant ta' l-idroelettriku fil-mument ta' esproprjazzjoni huwa marbut mad-dewmien residwali tal-konċessjoni ([22]). Għalhekk, il-valur ta' l-impjant kellu jiġi korrett biex jieħu kont ta' dan. Fl-istudju, il-valur huwa sempliċiment attwalizzat għall-2006 skond l-inflazzjoni. Għalhekk, hemm evidenza li tissuġġerixxi li l-istudju jissopravaluta l-valur ta' l-assi

([22]) Għandu jiġi nnutat li, skond il-liġi Taljana, meta jiskadu konċessjonijiet għall-idroelettriku, il-kumpanija ta' l-idroelettriku titlef is-sjieda tad-drittijiet fuq parti mill-assi tagħha, notevolment ċerti xogħlijiet ta' l-inġinerija, li awtomatikament imorru lura għand l-Istat.

(91) Bħala konklużjoni, l-istudju jista' jiġi mwarrab kompletament.

*L-estensjonijiet tat-tariffa*

(92) Rigward l-estensjonijiet maż-żmien tat-tariffa Terni, il-Kummissjoni tapprezza li r-raġunament kien li jinżamm paralleliżmu fit-trattament ma' dawn il-produtturi ta' l-idroelettriku li raw il-konċessjonijiet tagħhom imġedda. Madankollu, paralleliżmu simili, li huwa fil-qalba tal-mekkaniżmu kumpensatorju, kien previst fl-arranġament ta' l-esproprjazzjoni biss għal tletin sena, mhux indefinittivament. Għalhekk, għar-raġunijiet diġà spjegati fil-paragrafi 0 sa (77) hawn fuq, dawn l-estensjonijiet ma kellhomx natura kumpensatorja.

(93) Din il-konklużjoni hija aktar ovvja għat-tieni estensjoni tat-tariffa. Din l-estensjoni interrompiet mekkaniżmu ta' temma gradwali intenzjonat li jissimplifika t-tranżizzjoni tal-kumpaniji għat-tariffa sħiħa, li uriet il-konvinzjoni ta' l-awtoritajiet Taljani li l-kumpaniji diġà kienu ġew kumpensati b'mod sħiħ. L-Italja diġà spjegat ir-raġunijiet li wasslu għat-tieni estensjoni, li huma relatati biss mal-politika industrijali (ara l-kummenti ta' l-Italja fil-paragrafu (60) hawn fuq).

*Konklużjonijiet tan-natura kumpensatorja tat-tariffa*

(94) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkunsidra li t-tariffa Terni tista' titqies bħala kumpensatorja sa l-1992. Sa dik id-data, il-miżura ma tikkwalifikax bħala għajnuna ta' l-Istat. L-estensjonijiet kollha ta' wara t-tariffa, madankollu, jridu jiġu eżaminati fid-dawl tar-regoli ta' l-għajnuna ta' l-Istat.

## Il-preżenta ta' l-għajnuna fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE

(95) Il-Kummissjoni għalhekk diġà evalwat jekk it-tariffa preferenzjali mogħtija lill-grupp Terni wara l-1992, u b'mod partikolari mill-1 ta' Jannar 2005, id-data tad-dħul fis-seħħ ta' l-Artikolu 11, il-paragrafu 11 tal-Liġi 80/2005, li huwa l-oġġett ta' dawn il-proċedimenti, jikkostitwixxix għajnuna ta' l-Istat fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE.

(96) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tieħu nota tal-kjarifikazzjonijiet Taljani fir-rigward ta' irrelevanza tad-Deċiżjoni ECSC 83/396 u s-sentenza tal-Qorti C99/92 u tista' taqbel li deċiżjonijiet simili ma għandhomx effett fuq il-valutazzjoni tan-natura tat-tariffa ta' l-għajnuna ta' l-istat mogħtija lit-tliet impjanti fiż-żona Terni.

(97) Miżura tikkostitwixxi għajnuna ta' l-Istat fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) tat-Tratta tal-KE jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin jiġu sodisfatti b'mod kumulattiv: il-miżura (a) tikkonferixxi vantaġġ ekonomiku lill-benefiċjarju; (b) hija mogħtija mill-Istat jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat u hija imputabbli lill-Istat; (ċ) hija selettiva; (d) għandha impatt fuq il-kummerċ intra-komunitarju u tista' tfixkel il-kompetizzjoni fl-UE.

*Vantaġġ*

(98) Fid-dawl tar-raġunament żviluppat fil-punti (74) sa (95), il-Kummissjoni laħqet il-konklużjoni li t-tariffa preferenzjali għal Terni ma provdietx vantaġġ lill-benefiċjarji tul id-dewiem tal-pakkett kumpensatorju oriġinali, jiġifieri sa l-1992. Għalhekk, huma biss l-estensjonijiet tat-tariffa li jridu jiġu evalwati biex tiġi żgurata l-preżenza ta' vantaġġ.

(99) Ma hemm l-ebda dubju li l-provvediment ta' l-elettriku bi prezzijiet aktar baxxi kumparat ma' tariffa ordinarja ta' l-elettriku jikkostitwixxi vantaġġ ekonomiku ċar għall-benefiċjarji, li jaraw l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom imnaqqsa u l-pożizzjoni kompetittiva tagħhom imsaħħa.

*Selettività*

(100) Minħabba li dan l-arranġament partikolari tat-Tarrifa japplika biss għall-grupp Terni, il-miżura hija selettiva.

*L-iffinanzjar permezz tar-riżorsi ta' l-Istat u l-imputabbiltà lill-Istat*

(101) Rigward l-iffinanzjar permezz tar-riżorsi ta' l-Istat, għandu jiġi nnutat, li mill-2002, il-fiż finanzjarju li ġej mit-tariffa jġorruh il-konsumaturi kollha ta' l-elettriku ta' l-Italja permezz ta' taxxa parafiskali miġbura minn Cassa Conguaglio permezz tal-komponent A4 tat-tariffa ta' l-elettriku. Taxxa simili hija obbligatorja minħabba li hija imposta permezz ta' Delibere ta' l-AEEG li jimplimenta l-leġiżlazzjoni nazzjonali. *Cassa Conguaglio* hija korp pubbliku stabbilit bil-liġi, li jwettaq il-funzjonijiet tiegħu fuq il-bażi ta' struzzjonijiet preċiżi stabbiliti fid-Delibere ta' l-AEEG u d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi rilevanti u regolatorji.

(102) Hija ġurisprudenza stabbilita li, id-dħul tat-taxxa li hija obbligatorja taħt il-liġi nazzjonali u hija mħallsa lil korp pubbliku stabbilit bil-liġi jikkostitwixxi riżorsi ta' l-Istat fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 87 (1) tat-Trattat meta hija mmarkata għall-iffinanzjar ta' miżura li tissodisfa l-kriterji l-oħra ta' dak l-Artikolu ([23]).

([23]) Ara s-sentenzi tal-QEĠ f'Steinike & Weinlig, C-78/76, [1977] ECR p. 595 u il-Gvern Franċiż v il-Kummissjoni, Każ C-47/69 [1970] ECR p. 00487

(103) Fil-paragrafu 68 hawn fuq, l-Italja tikkwota lil Pearle ([24]) biex tissostanzja l-istqarrija tagħha li r-riżorsi li jgħaddu mingħand *Cassa Conguaglio* ma jikkostitwixxux għajnuna ta' l-Istat. F'Pearle, il-Qorti sabet li taħt ċerti ċirkostanzi, definit preċiżament, ir-riżorsi tat-taxxa li għaddiet mingħand korp pubbliku ma setgħux jiġu kkunsidrati riżorsi ta' l-Istat. F'Pearle, il-miżuri kienu ffinanzjati kompletament mis-settur ekonomiku, bl-inizjattiva ta' dak is-settur, permezz ta' taxxa li sempliċiment għaddiet mingħand korp pubbliku u s-suġġetti li ħallsu t-taxxa kienu identiċi għal dawk li rċevew il-benefiċċji tal-miżura ta' għajnuna. Il-Kummissjoni tagħraf li l-każ preżenti huwa ferm differenti. It-tariffa Terni kienet stabbilita fuq inizjattiva ta' l-Istat, (mhux mis-settur ekonomiku), il-benefiċjarji tat-tariffa ma jġorrux il-piż finanzjarju tat-taxxa, li huwa fuq il-konsumaturi ta' l-elettriku, u l-Istat jista' f'kull ħin, jagħti struzzjonijiet lil Cassa Conguaglio permezz ta' Delibera ta' l-AEEG jew dispożizzjoni leġiżlattiva jew regolatorja oħra, dwar kif jistgħu jiġu amministrati l-fondi miġbura mit-taxxa. Għalhekk, Pearle hija irrelevanti għal dan il-każ.

(104) Fil-każ Preussen-Elektra, ukoll ikkwotat mill-Italja fil-paragrafu 68 hawn fuq, il-Qorti ddeċidiet li obbligu ta' xiri impost fuq impriżi privati tal-forniment ta' l-elettriku biex jixtru sorsi rinnovabbli bi prezzijiet minimi ogħla mill-valur ekonomiku reali ta' dak it-tip ta' elettriku ma kkostitwixxiex għajnuna ta' l-Istat minħabba li l-miżura ma nvolvietx trasferiment dirett jew indirett tar-riżorsi ta' l-Istat.

(105) Għal darba oħra, is-sostanza tal-każijiet hija b'mod ċar differenti. Fi Preussen Elektra, ir-riżorsi meħtieġa li jiffinanzjar il-miżura kienu provudti direttament mill-fornituri ta' l-elettriku mingħajr ma jkun involut korp pubbliku, lanqas bħala vettur passiv għat-tranżitu tal-flus. F'dak il-każ, ma seta jiġi identifikat ebda trasferiment tar-riżorsi ta' l-Istat. Fil-każ preżenti, madankollu l-flus ġejjin mingħand il-pubbliku ġenerali permezz ta' ħlas parafiskali li jgħaddi mingħand korp pubbliku qabel ma jingħata lill-benefiċjarji finali. Dan huwa għalhekk każ klassiku ta' involvement tar-riżorsi ta' l-Istat.

(106) Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, għalhekk, it-taxxa parafiskali użata biex tiffinanzja t-tariffa Terni tikkostitwixxi r-riżorsi ta' l-Istat.

([24]) Sentenza tal-QEĠ f'Pearle u oħrajn v Commission, Każ C-345/02 [2004] ECR I-7139.

(107) Il-kriterju ta' l-imputabbiltà lill-Istat ([25]) huwa sodisfatt ukoll, minħabba li l-bażi legali għat-Tariffa terni huwa stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, flimkien mad-Delibere ta' l-AEEG li hija korp pubbliku.

*L-impatt fuq il-kummerċ u t-tfixkil tal-kompetizzjoni*

(108) Rigward l-aħħar kriterji ta' l-Artikolu 87(1) – l-impatt fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u t-tfixkil tal-kompetizzjoni – il-Kummissjoni tista' twarrab l-argumenti tal-kumpaniji Terni fil-paragrafu 0 fuq il-bażi tal-kunsiderazzjonijiet żviluppat fil-punti (109) sa (116).

(109) L-argument sostantiv ewlieni tal-benefiċjarji huwa li l-impjanti li jibbenefikaw mit-tariffa ma humiex attivi fil-kummerċ intra-komunitarju minħabba li jbiegħu l-parti l-kbira tal-prodotti tagħhom fis-suq domestiku.

(110) Għandu jiġi nnutat li f'dan ir-rigward, l-analiżi ma jistax ikun limitat għall-impjanti lokalizzati fiż-żona Terni. Il-benefiċjarji huma parti minn gruppi internazzjonali attivi f'setturi varji ta' l-ekonomija ([26]), u għajnuna operattiva mogħtija lil fergħa jew impjant wieħed tista' tiġi użata biex tissusidja fergħat oħra tal-grupp f'setturi miftuħa għall-kummerċ intra-komunitarju, u din iċ-ċirkostanza biss tista' twassal għall-konklużjoni li t-tariffa għandha impatt fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(111) Apparti dan, anki jekk jintwera li l-parti l-kbira tal-produzzjoni tal-kumpaniji kienet mibjugħa fis-suq domestiku Taljan, *quad non*, dan ikun irrelevanti għall-iskop li jiġi sabbilit l-impatt tal-kummerċ intra-komunitarju tal-miżura. Il-Qorti ddikjarat "għajnuna lil impriża tista' tkun tali li taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u tfixkel il-kompetizzjoni fejn l-impriża tikkompeti mal-prodotti li ġejjin minn Stati Membri oħra

([25]) Ara s-sentenza tal-QEĠ f'Italja v il-Kummissjoni, Każ C-303/88, [1988] ECR I.1433, Franza v il-Kummissjoni, Każ C 47/69 [1970] ECR 4393; sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza f'Deutsche Bahn/il-Kummissjoni, Każ T-351/02, [2006] ECR II.1047

([26]) Cementir tappartjeni lill-Grupp Caltagirone, li jopera numru ta' impjanti fl-Italja, li uħud minnhom huma attivi fin-negozju ta' l-esportazzjoni. Il-kumpanija tipproduċi varjetà ta' prodotti tas-siment u l-ġir u tikkontrolla produttur tas-siment fit-Turkija li jesporta lejn l-UE. Nuova Terni Industrie Chimiche tappartjeni lill-grupp Norsk Hydro, attiv fil-produzzjoni tal-kimiċi u fertilizzanti minerali, żejt u gass u petrokimiċi. ThyssenKrupp huwa konglomerat globali prinċipalment attiv, imma mhux biss, fil-produzzjoni ta' l-azzar.

anki jekk hija nfisha ma tesportax il-prodotti tagħha (…). Fejn Stat Membri jagħti għajnuna lil impriża, il-produzzjoni domestika tista' għal dik ir-raġuni tinżamm jew tiżdied bir-riżultat li impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra għandhom anqas ċans li jesportaw il-prodotti tagħhom lejn is-suq ta' dak l-Istat Membru" ([27]).

(112) Għalhekk, il-Kummissjoni eżaminat jekk, f'termini ġenerali, hemmx kummerċ intra-komunitarju fis-setturi konċernati.

(113) Rigward il-produttur tas-siment Cementir, il-Kummissjoni analizzat b'mod estensiv is-suq tas-siment u l-partijiet varji tiegħu, notevolment fid-Deċiżjoni tas-Siment ta' l-1994 tagħha ([28]). Is-siment huwa prodott tqil li għandu valur baxx f'relazzjoni mal-piż tiegħu, u allura l-ispiża tat-trasport ma tagħmlux ekonomiku li jiġi trasportat distanzi twal. Il-Kummissjoni sabet, madankollu, li dan il-limitu ma jżommx lura l-kummerċ intrakomunitarju. Il-prodotti tas-siment huma de facto nnegozjati bejn l-Istati Membri, u l-konklużjoni fil-passat ta' ftehimiet illegali u prattiċi konċertati bejn il-produtturi tas-siment (sanzjonati fid-Deċiżjoni hawn fuq) biex iħarsu s-swieq domestiċi tagħhom hija prova li hemm kompetizzjoni effettiva fuq livell ta' UE.

(114) Rigward Nuova Terni Industrie Chimiche, huwa biżżejjed li wieħed jgħid, fid-deċiżjoni ta' għaqda fejn il-Kummissjoni awtorizzat it-teħid minn Norsk Hydro ta' Nuova Terni Industrie Chimiche ([29]), il-Kummissjoni sabet li, għall-prodotti manifatturati mill-fergħa kimika ta' Terni, kien hemm kummerċ intra-konumitajru u s-suq ġeografiku kien għall-anqas madwar iż-ŻEE.

(115) Rigward ThyssenKrupp, il-Kummissjoni tinnota li s-suq ta' l-azzar huwa suq globali ferm kompetittiv. Fid-deċiżjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni kienet diġà sabet li l-partijiet tas-suq li fihom ThyssenKrupp hija attiva kien għall-anqas madwar l-UE ([30]).

(116) Għalhekk, il-konklużjoni hija li t-tariffa preferenzjali ta' l-elettriku mogħtija lit-tliet kumpaniji Terni hija soġġetta li ttejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tagħhom rigward impriżi kompetenti fis-suq intra-komunitarju. Hija ġurisprudenza stabbilita ([31]) li f'ċirkostanzi simili l-kummerċ intra-komunitarju għandu jiġi kunsidrat affettwat u l-kompetizzjoni mfixkla.

*konklużjonijiet dwar il-preżenza ta' l-għajnuna*

(117) Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li t-tariffa preferenzjali mogħtija lill-kumpaniji Terni mill-1 ta' Jannar 2005 tikkostitwixxi għajnuna ta' l-Istat fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE u tista' tiġi awtorizzata biss jekk tibbenefika minn waħda mid-derogi stabbiliti fit-Trattat.

**Kwalifikazzjoni tal-miżura bħala għajnuna ġdida u l-legalità ta' l-għajnuna**

(118) Il-miżura ma tistax tiġi kunsidrata għajnuna eżistenti għar-raġunijiet spjegati fil-punti (119) sa (132).

(119) Id-dispożizzjoni oriġinali tal-Liġi 9/1991 li hija kunsidrata koperta b'awtorizzazzjoni ta' għajnuna ta' l-Istat kienet modifikata fl-2005 bl-Artikolu 11(11) tal-Liġi 80/2005.

(120) Għandu jiġi nnutat li s-sustanza tat-tariffa approvata u t-tariffa introdotta bil-Liġi 80/2005 huma simili biss fl-apparenza.

(121) Il-Liġi 80/2005 stabbiliet li Terni għandha tkompli tibbeneifka minn tariffa preferenzjali sa l-2010. Anki jekk ittieni estensjoni kienet biss prolongazzjoni fiż-żmien tal-miżura preċedenti, kienet xorta tikkostitwixxi għajnuna ta' l-istat. Hija ġurisprudenza stabbilita li emenda għaddewmien ta' l-għajnuna eżistenti għandha tiġi meqjusa bħala għajnuna ġdida ([32]).

(122) Analiżi aktar dettaljata turi, madankollu, li d-differenzi bejn iż-żewġ miżuri huma ferm aktar sostantivi.

(123) Qabel id-dħul fis-seħħ tal-Liġi 80/2005, il-prezz Terni (u l-aġġornament annwali tiegħu) kien għadu bbażat fuq il-paralleliżmu oriġinali fit-trattament ma' awto-produtturi. Il-Liġi 80/2005 tintervjeni billi tneħħi din ir-rabta u effettivament tneħħi t-trattament ta' Terni bħala awto-produttur. Il-prezz stabbilit għall-2005 jidher li jikkoinċidi mal-prezz ta' l-2004, imma l-mekkaniżmu għall-formazzjoni tal-prezz huma fundamentalment mibdul, minħabba li l-prezz il-ġdid huwa aġġornat skond iż-żidiet medji fil-prezzijiet ta' l-enerġija, bil-garanzija li, minkejja kemm jogħla l-prezz, it-tariffa ma tiżdiedx b'aktar minn 4 % fis-sena.

([27]) Sentenza tal-QEĠ ir-Repubblika Franċiża v il-Kummissjoni, Każ C 102/87, [1988] ECR p. 04067

([28]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 1994 (Każijiet IV/33.322 – siment), ĠU L 343/1994, p. 1-158

([29]) Id-Deċiżjoni IV M.832 tal-25.10.1996 Norsk Hydro/Enichem Agricoltura – Terni (II).

([30]) Ara, *inter alia*, id-Deċiżjoni IV/M.925 Krupp-Hoesch/Thyssen tal-11 ta' Awissu 1997.

([31]) Ara, *inter alia* is-sentenza tal-QEĠ f'Philip Morris/Commission, (Każ 730/79, ECR [1980] p. 02671, paragrafu 11) u s-sentenza tal-QEĠ f'Air Liquide Industries/Ville de Seraing et Province de Liège (Każijiet konġunti C 393/04 u C 41/05, [2006] ECR p. I-05293).

([32]) Ara, per eżempju, dwar dan il-punt, is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza f'Territorio Historico de Alava – Diputacion Foral de Alava, Każijiet Konġunti T-127/99 *ad* T-148/99, [2002] ECR II-012575, paragrafi 173-175

(124) Il-livell ta' għajnuna hija miżjuda wkoll minħabba żidiet fil-kwantitajiet fornuti bil-prezz preferenzjali. L-element ta' digressività huwa eliminat kompletament.

(125) Għandu jiġi ssottolineat, li f'dan il-kuntest, anki jekk il-livell ta' għajnuna baqa' ma nbidilx, wieħed kien ikollu jasal għall-istess konklużjoni, jekk l-opinjoni ta' l-Avukat Ġenerali Fennelly fil-Każ Italja u Sardegna Lines v il-Kummissjoni ([33]) kellu jiġi segwit. Fil-valutazzjoni ta' x'jikkostitwixxi bidla sostantiva fi skema, l-Avukat Ġenerali Fennelly ddikjara li "l-introduzzjoni ta' metodu kompletament ġdid biex jipprovdi effettivament l-istess livell ta' għajnuna kkostitwixxa emenda sinifikanti lir-reġim oriġinali".

(126) Il-Kummissjoni nnutat ukoll li, fid-dawl tal-mekkaniżmi differenti li jiggvernaw it-tariffa, ikun impossibbli li wieħed jiddistingwi bejn, il-miżura l-ġdida implimentata fl-2005, li parti minnha, sa l-2007, tkompli tkun għajnuna eżistenti, u alterazzjoni li tista' tiġi klassifikata bħala għajnuna ġdida ([34]).

(127) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-miżura msemmija bħala "t-tieni estensjoni" hija skema ta' għajnuna kompletament ġdida fil-fatt li hi sostanzjalment alternata meta mqabbla ma' dik koperta bid-Deċiżjoni ta' l-1991.

(128) Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq il-miżura ma tistax tiġi meqjusa bħala għajnuna ġdida mill-1 ta' Jannar 2005, li hija d-data meta l-Liġi 80/2005 għamlet l-estensjoni tat-tariffa applikabbli ([35]).

(129) L-allegazzjoni, li saret f'paragrafi (48) u (60), li l-miżura għandha titqies awtorizzata skond l-Artikolu 4, il-paragrafu 5 tar-Regolament Nru 659/1999 minħabba li l-Kummissjoni kienet infurmata biha u naqset milli tieħu deċiżjoni fi ħdan il-limiti proċedurali, mhix bla bażi. Hemm differenza sostanzjali bejn l-innotifikar tal-miżura skond l-Artikolu 88(3), fuq naħa, u sempliċiment infurmar lill-Kummissjoni bl-eżistenza tal-miżura, fuq in-naħa l-oħra. F'*Breda Fucine Meridionali* ([36]), il-Qorti tal-Prim Istanza notevolment iddeċidiet li t-trażmissjoni tad-dokumenti li ma humiex indirizzati lis-Segretarjat Ġenerali u ma fihomx referenza espliċita għall-Artikolu 93, paragrafu 3 tat-Trattat tal-KE ma jistgħux jiġu kunsidrati bħala notifika valida.

(130) Huma biss miżuri li huma notifikati skond l-Artikolu 88(3) li ma humiex implimentati qabel deċiżjoni tal-Kummissjoni li jistgħu jibbenefikaw minn limiti taż-żmien proċedurali stabbiliti fir-Regolament 659/99. Fil-każ in kwistjoni, huwa fatt li ma jistax jiġi miċħud li l-Artikolu 11(11) tal-Liġi 80/2005 ma ġiex notifikat.

(131) Apparti dan, skond l-Artikolu 4, il-paragrafu 6 tar-Regolament 659/99, fejn il-Kummissjoni naqset milli tieħu deċiżjoni fi żmien il-limitu ta' xahrejn tal-perjodu proċedurali, l-għajnuna hija meqjusa li kienet awtorizzata sakemm l-Istat Membri jagħti notifika minn qabel ta' l-intenzjoni tiegħu biex jimplimenta l-miżura, u sakemm il-Kummissjoni tieħu deċiżjoni fi ħdan il-perjodu ta' 15-il ġurnata ta' xogħol wara li tasal in-notifika. Fil-każ preżenti, ebda notifika minn qabel ma ngħatat mill-Italja. Għalhekk, anki jekk l-allegazzjoni tal-kumpaniji Terni kienet sostanzjata, li m'huwiex il-każ, kif spjegat fil-paragrafi (129) u (130) hawn fuq, l-Artikolu 4, paragrafu 6 tar-Regolament 659/99 ma jkunx applikabbli.

(132) Minħabba li l-Italja naqset milli tinnotifika l-Artikolu 11(11) tal-Liġi 80/2005, l-għajnuna hija illegali.

**Il-kompatibbiltà ta' l-għajnuna**

*L-ewwel estensjoni*

(133) Anki jekk din il-proċedura tirrigward biss it-tieni estensjoni tat-tariffa, il-Kummissjoni tqis adatt li tagħmel numru ta' kunsiderazzjonijiet dwar l-ewwel estensjoni u l-ewwel approvazzjoni tagħha taħt ir-regoli ta' l-għajnuna ta' l-Istat.

(134) Din l-ewwel estensjoni tat-tariffa Terni kienet prevista fl-Artikolu 20(4) tal-Liġi 9/1991. Din il-liġi kienet dikjarata kompatibbli taħt ir-regoli ta' l-għajnuna ta' l-Istat fil-każ NN 52/1991 ([37]). Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni kif notifikata lill-Italja ma tispeċifikax liema artikoli tal-liġi nstabu kompatibbli. Madankollu, id-dokumenti interni li wasslu għal deċiżjoni tal-Kummissjoni provdew deskrizzjoni fil-qosor u valutazzjoni ta' l-artikoli relevanti għall-għajnuna ta' l-Istat. L-Artikolu 20(4) tal-liġi, li tipprovdi estensjoni għat-tariffa Terni, ma kienx imsemmi.

(135) Minħabba informazzjoni skarsa, sfortunatament huwa impossibbli li jiġi rintraċċat ir-raġunament segwit f'dak il-każ, u b'mod partikolari li jsir magħruf jekk il-Kummissjoni eżaminatx u intenzjonatx li tapprova t-tariffa Terni.

([33]) Każijiet Konġunti C 15/98 u C 105/99, l-Italja u Sardegna Lines v Commission ECR [2000] I-8855, paragrafu 74 ta' l-Opinjoni.

([34]) Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza f'Gvern ta' Gibraltar v il-Kummissjoni, Każijiet Konġunti T 195-01 u T 207/01 [ECR 2002 ] p. II-02309.

([35]) Il-liġi tal-konverżjoni tad-Digriet 80/05 preveda għad-dħul fis-seħħ retroattiv ta' l-estensjoni tat-tariffa mill-1 ta' Jannar 2005.

([36]) *Breda Fucine Meridionali* v *il-Kummissjoni*, Każijiet Konġunti T-126/96 u T-127/96 [1998] ECR II-3437, paragrafu 47

([37]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna nru 5.

(136) Madankollu, minħabba li l-Italja nnotifikat il-liġi sħiħa u d-deċiżjoni ta' approvazzjoni wkoll tirreferi għal-liġi sħiħa, l-estensjoni tat-tariffa Terni għandha tiġi kunsidrata koperta bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni 1991.

*It-tieni estensjoni taħt kontestazzjoni*

(137) B'deroga mill-projbizzjoni ġenerali ta' l-għajnuna ta' l-Istat stabbilita fl-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE, l-għajnuna tista' tiġi dikjarata kumpatibbli jekk tista' tibbenefika minn waħda mid-derogi enumerati fit-Trattat.

(138) L-għajnuna ta' l-Istat mogħtija lill-kumpaniji Terni skond l-Artikolu 11(11) tal-Liġi 80/2005 tista' tiġi klassifikata bħala għajnuna fl-operat.

(139) Hija ġurisprudenza stabbilita li għajnuna għall-operat, jiġifieri, għajnuna intenzjonata biex tgħin impriża fl-ispejjeż li normalment ikollha tħallas għall-immaniġġjar jew l-attivitajiet normali tagħha, fil-prinċipju, tfixkel il-kompetizzjoni sa grad kuntrarju għall-interess komuni fis-setturi li fihom hija mogħtija ([38]). Il-Kummissjoni tinnota li l-għajnuna għall-operat mogħtija fil-forma ta' prezz ta' l-elettriku preferenzjali li impriża intensiva fl-enerġija, jiġifieri, impriża li għandha l-elettriku bħala fattur ewlieni ta' l-ispejjeż, hija forma ta' tfixkil ta' l-appoġġ minħabba li l-għajnuna għandha impatt sostanzjali u dirett fuq pożizzjoni kompetittiva.

(140) L-għajnuna għall-operat tista' tingħata, taħt kundizzjonijiet speċifiċi, taħt il-Linjigwida għall-għajnuna ta' l-Istat għall-ħarsien ta' l-ambjent ([39]). It-tariffa kkunsidrata, madankollu, ma għandhiex għanijiet ambjentali.

(141) Eċċezzjonalment, l-għajnuna ta' l-operar tista' tingħata f'żoni eliġibbli għall-għajnuna taħt deroga mill-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat tal-KE. Matul il-perjodu kkunsidrat, ir-Reġjun Umbria ma kienx eliġibbli għall-għajnuna taħt l-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat.

([38]) Ara s-Sentenzi tal-QEĠ f'*Italja v il-Kummissjoni*, Każ C-86/89 [1990] ECR I-3891, paragrafu 18, u *Franza* v *il-Kummissjoni*, Każ C-301/87 [1990] ECR I-307, paragrafu 50; senta tal-Qorti tal-Prim'Istanza f'*Siemens* v *il-Kummissjoni*, Każ T-459/93 [1995] ECR II-1675, paragrafu 48.

([39]) ĠU C 37, tat-3.2.2001 p. 3.

(142) Anki jekk, għar-raġunijiet spjegati hawn fuq fil-paragrafi (123) sa (127), iż-żewġ estensjonijiet jikkostitwixxu miżuri differenti, il-Kummissjoni tqis utli li tfakkar li, meta l-ewwel estensjoni kienet notifikata, ir-Reġjun Umbria kienet għaddejja minn kriżi ekonomiku serju, li affettwa b'mod partikolari s-setturi ta' l-azzar u l-kimika fiż-żona Terni. Dan il-kriżi li laħaq il-quċċata tiegħu fil-bidu tad-disgħinijiet, kien rikonoxxut mill-Kummissjoni meta, fl-1997, approvat mappa Taljana ta' żoni eliġibbli għall-għajnuna taħt l-Artikolu 87.3 (ċ) ([40]). Iż-żoni Terni u Perugia kienu dikjarati eliġibbli għall-għajnuna taħt l-Objettiv 2 tal-Fondi Strutturali.

(143) Fl-2005, madankollu, fiż-żmien li ġiet adottata l-Liġi 80/2005, il-proċess għall-aġġustament strutturali fl-Umbria kien diġà seħħ. Fil-mappa proposta għall-għajnuna reġjonali 2007-2013, l-Umbria se titlef l-istatus ta' reġjun assistit. Għalhekk, filwaqt li huwa diffiċli li wieħed ikun jaf jekk il-kunsiderazzjonijiet għall-iżvilupp Reġjonali kellhomx rwol fid-deċiżjoni oriġinali approvata, huwa xorta ċert li l-Kummissjoni ma tistax toqgħod fuq kunsiderazzjonijiet simili biex tevalwa t-tieni estensjoni tat-tariffa.

(144) L-Italja spjegat b'mod estensiv ir-raġunijiet tal-politika industrija għat-tieni prolongazzjoni tat-tariffa Terni (ara l-paragrafu (60). L-argument ewlieni ta' l-Italja favur it-tariffa huwa li kumpaniji intensivi fl-enerġija fi Stati Membri oħra jistgħu wkoll jibbenefikaw minn prezzijiet imnaqqsa ta' l-enerġija u t-tariffa hija meħtieġa bħala miżura tranżizzjonali biex tiġi evitata d-delokalizzazzjoni bara l-UE wara l-liberalizzazzjoni sħiħa tas-suq ta' l-enerġija u infrastruttura mtejba. Inċidentalment, dawn l-ispjegazzjonijiet jikkontradixxu l-istqarrija Taljana li t-tariffa Terni xorta tkun kumpensatorja u ċertament ma toffri ebda ġustifikazzjoni għal reviżjoni tal-pakkett ta' l-espropriazzjoni.

(145) Il-Kummissjoni tinnota li l-Qorti ddeċidiet li "*il-fatt li Stat Membru jfittex li jqarreb, b'miżuri unilaterali, il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni f'settur partikolari ta' l-ekonomija għal dawk prevalenti fi Stati Membri oħra ma jnaqqasx il-kwistjoni tal-karattur tagħhom bħala għajnuna ta' l-Istat*" ([41]). *Aktar minn hekk, l-argument Taljan li għajnuna ta' l-Istat simili tkun ġustifikata bl-eżistenza ta' għajnuni ta' l-Istat oħrajna (li jfixklu ugwalment) fl-UE għandha tiġi mwarrba. Strateġija simili twassal għal sensieli ta' sussidji li jmorru kontra l-għan tal-kontroll ta' l-għajnuna ta' l-Istat. Rigward ir-riskju*

([40]) Għajnuna ta' l-Istat Nru 27/1997, Deċiżjoni tal-Kummissjoni SG(97) 4949 tat-30 ta' Ġunju 1997.

([41]) Ara, per eżempju, is-sentenza tal-QEĠ f'Ir-Repubblika Taljana v il-Kummissjoni, Każ C-372/97 [2004], ECR I-03679, paragrafu 67.

*allegat ta' delokalizzazzjoni barra l-UE, il-Kummissjoni tinnota li ma hemmx preċedent fil-prattika deċiżjonali tagħha jew fil-ġurisprudenza tal-qrati tal-Komunità, fejn argument simili ġie aċċettat bħala ġustifikazzjoni għar-raġuni ta' l-Istat. Fil-każ in kwistjoni, ma hemmx bżonn għall-Kummissjoni li tikkunsidra din il-kwistjoni minħabba li l-awtoritajiet Taljani ma ssustanzjawx allegazzjoni simili. Notevolement, ma ġiex muri li t-tariffa kienet meħtieġa u proporzjonata biex tipprevjeni r-riskju.*

(146) Rigward il-konklużjonijiet tal-grupp ta' Livell Għoli msemmija fil-punt (60), huma irrelevanti minħabba li ma jirriflettux ir-riżultat tad-dibattitu ġenerali ta' politika u ma jikkostitwixxux dispożizzjonijiet li jorbtu legalment. Għandu jiġi nnutat inċidentalment, li s-soluzzjonijiet proposti mill-grupp u kwotati mill-Italja ma jinvolvux l-għoti ta' l-għajnuna ta' l-Istat.

(147) Minħabba li l-għajnuna ma tistax tkun ta' benefiċċju għad-derogi stabbiliti fl-Artikolu 87 tat-Trattat tal-KE, it-tieni estensjoni tat-tariffa preferenzjali favur il-kumpaniji Terni għandha tiġi dikjarata inkompatibbli mas-suq komuni.

(148) Skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 ([42]) li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat, f'każijiet ta' għajnuna illehali li mhix kompatibbli mas-suq komuni, il-kompetizzjoni effettiva għandha tiġi restawrata u l-għajnuna, inkluż l-interessi, għandhom jiġu rkuprati mingħajr dewmien.

**Aspettattivi leġittimi**

(149) Hija ġurisprudenza stabbilita li, meta l-għajnuna tingħata mingħajr notifika minn qabel skond l-Artikolu 88(3) tat-Trattat, ir-reċipjent ta' l-għajnuna f'dak iż-żmien ma jistax ikollu aspettattivi leġittimi li l-għotja hija legali ([43]). Negozjant diliġenti normalment għandu jkun kapaċi jiddetermina jekk il-proċedura ta' notifika ġietx segwita u jekk l-għajnuna hijiex legali.

(150) Madankollu, reċipjent ta' għajnuna mogħtija illegalment m'huwiex preklużmilli joqgħod fuq ċirkostanzi eċċezzjonali li fuq il-bażi tagħhom kien leġittimament assuma li l-għajnuna hija legali u għalhekk jonqos milli jirrifondi dik l-għajnuna ([44]). Il-Kummissjoni eżaminat jekk iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali allegati mill-kumpaniji Terni fil-paragrafu 0 setgħux wassluhom biex ikollhom aspettattivi leġittimi simili.

(151) Fis-sostanza, il-benefiċjarji talbu li l-Italja kienet assigurathom dwar il-karattru tal-miżura li ma jaqax taħt għajnuna, u li l-Kummisjoni ma ddubitatx il-miżura in kwestjoni, la meta kienet estiża l-ewwel darba, u lanqas meta l-informazzjoni dwar it-tieni estensjoni ġiet estiża.

(152) Rigward l-ewwel stqarrija, huwa biżżejjed li wieħed ifakkar li, skond il-ġurisprudenza stabbilita, l-eżistenza ta' aspettattivi leġittimi ma tistax tiddependi fuq il-komportament ta' l-Istat Membru li jagħti l-għajnuna. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċieda, b'mod partikolari, li "informazzjoni inkorretta mogħtija minn Stat Membru dwar il-legalità ta' miżura fl-ebda ċirkostanza ma tista' tiġi meqjusa li tati lok għal aspettattivi leġittimi, speċjalment fejn il-Kummissjoni ma tkunx ġiet infurmata b'dik l-informazzjoni" ([45]).

(153) Huwa biss il-komportament ta' l-amministrazzjoni tal-Komunità li jista' jagħti lok għal aspettattivi leġittimi. B'mod partikolari l-Qorti ddikjarat li "persuna ma tistax titlob ksur tal-prinċipju sakemm ma tkun ingħatat assigurazzjonijiet preċiżi (emfażi miżjud) mill-amministrazzjoni tal-Komunità" ([46]).

(154) Il-kumpaniji Terni jsostni li l-miżura ma ġietx iddubitata fl-1991, meta l-Kummissjoni approvat il-Liġi 9/1991. Għandu jiġi nnutat li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-1991 tkopri biss il-miżura stabbilita fil-Liġi 9/1991, biex l-approvazzjoni ta' dik il-miżura ma jistax jagħti lok għal aspettattivi leġittimi rigward il-legalità jew il-kompatibbiltà tal-miżura l-ġdida ta' għajnuna introdotta bil-Liġi 80/2005. Anki jekk il-Kummissjoni kienet iddikjarat espliċitament li l-miżura ta' l-1991 ma kkostitwietx għajnuna, *quad non*, il-benefiċjarja ma għandhomx jassumu li l-miżura ta' l-2005 għandha tikkwalifika wkoll bħala non-għajnuna, minħabba li hemm bosta ċirkostanzi li jistgħu jittrasformaw miżura li ma humiex għajnuna f'għajnuna ta' l-Istat.

(155) Aktar minn hekk, il-kliem tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni kif notifikati lill-Italja, li tiddikjara kompatibbli l-miżuri ta' għajnuna li hemm fil-Liġi 9/1991 u 10/1991 jekk xejn, jissuġġerixxu l-oppost, li l-miżura Terni ma kkostitwietx għajnuna.

([42]) ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

([43]) Sentenza tal-QEĠ f'*Alcan Deutschland*, Każ C 24/95 [1997], ECR I-1591, paragrafi 25, 30 u 31, u *Demesa and Territorio histórico de Álava* v *Commission*, Każijiet konġunti C-183/02 P u C-187/02 [2004] ECR I-10609, paragrafu 45.

([44]) Sentenza tal-QEĠ f'*Kummissjoni v il-Ġermanja*, Każ - 5/89 [1990] ECR I-3437, paragrafu 16.

([45]) Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza f'*Fleuren Compost v il-Kummissjoni*, Każ T-109/01 [2004] ECR p. II-127, paragrafi 141-143

([46]) Ara s-sentenza tal-QEĠ f'Ġermanija v il-Kummissjoni, Każ C-506/03 [2005] ECR p. I-0000, paragrafu 58.

(156) Għalhekk, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni ma setgħetx possibbilment tati lill-benefiċjarji assigurazzjonijiet preċiżi dwar il-karattru li t-tariffa ma kinitx ta' għajnuna, imma l-aktar, aspettattiva leġittima li l-estensjoni ta' l-1991 tat-tariffa kienet kompatibbli. Ebda aspettattivi ma setgħu jinżammu, madankollu, fir-rigward ta' l-estensjoni ta' l-2005. Għalhekk, dan l-argument kellu jitwarrab ukoll.

(157) Rigward l-allegat nuqqas tal-Kummissjoni li taġixxi sewwa meta rċeviet l-informazzjoni dwar it-tieni estensjoni tat-tariffa, dan l-argument huma ċertament bla bażi. L-Italja allegatament semmiet it-tariffa Terni fir-Rapport ta' l-għajnuna ta' l-Istat ta' l-2005. Informazzjoni dettaljata dwar il-miżura prevista fl-Artikolu 11(11) tal-Liġi 80/2005 ġiet provduta, madankollu, biss fi Frar 2006, fuq talba tal-Kummissjoni, fil-kuntest ta' l-investigazzjoni ta' l-għajnuna ta' l-Istat dwar l-Artikolu 11(12) ta' l-istess Liġi (għajnuna ta' l-Istat C 13/2006). Il-proċedura ta' investigazzjoni formali nfetħet mill-Kummissjoni f'Lulju 2006.

(158) Meta wieħed jikkunsidra ż-żmien qasir li għadda bejn is-sottomissjoni ta' l-informazzjoni u l-azzjoni mill-Kummissjoni, jidher ċar li l-Kummissjoni aġixxiet b'mod tajjeb.

(159) Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma hemmx ċirkostanzi ekstraordinarji li setgħu wasslu għall-kumpaniji Terni biex ikollhom asspettattivi leġittimi dwar il-legalità tal-miżura kontestata.

**Irkuprar**

(160) L-ammonti kollha ta' għajnuna inkompatibbli li rċevew ThyssenKrupp, Cementir and Nuova Terni Industrie Chimiche skond l-Artikolu 11(11) tal-Liġi 80/2005 u li jkopru l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2005 (ara l-paragrafu 0) għandhom jiġu rkuprati, bl-interessi, skond il-Kapitolu V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([47]).

(161) F'dan il-kuntest għandu jiġi mfakkar li, l-iskop ta' l-irkupru huwa r-restawr tas-sitwazzjoni kompetittiva tal-benefiċarju prevalenti qabel l-għoti ta' l-għajnuna inkompatibbli. Fl-istabbiliment ta' x'kienet is-sitwazzjoni kompetittiva tal-kumpanija Terni qabel l-introduzzjoni tal-Liġi 80/2005, għandu jittieħed kont ta' l-eżistenza tal-miżura ta' għajnuna eżistenti stabbilita fil-Liġi 9/1991, li kienet aċċettata taħt ir-regoli ta' l-għajnuna ta' l-Istat sa l-2007.

([47]) ĠU L 140, tat-30.4.2004, p. 1-134.

(162) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-ammonti residwali ta' għajnuna li għaliha kienu intitolati l-benefiċjarji taħt il-Liġi 9/1991 fl-2005, l-2006 u l-2007 jekk il-Liġi 80/2005 ma kinitx tiġi implimentata tista' titnaqqas mis-somom li jridu jiġu rkuprati, jekk l-Italja tikkunsidra li l-benefiċjarji huma intitolati għalihom taħt il-Liġi nazzjonali.

VII. **KONKLUŻJONI**

(163) Il-Kummissjoni ssib li l-Italja implimentat illegalment, bi jsur ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat tal-KE, id-dispożizzjoni ta' l-Artikolu 11, paragrafu 11 tad-*Decreto-legge* 80/05, maqlub f'Liġi 80/2005, li tipprovdi għall-modifikazzjoni u l-estensjoni fiż-żmien sa l-2010 tat-tariffa preferenzjali ta' l-elettriku applikabbli għat-tliet kumpaniji Terni. Il-Kummissjoni tikkunsidra li miżura simili, li tikkostitwixxi għajnuna pura ta' l-operar, m'hija eliġibbli għall-ebda deroga taħt it-trattat tal-KE, u għalhekk hija inkompatibbli mas-suq komuni. Għalhekk, il-partijiet tal-miżura t'hawn fuq li għadhom ma ġewx mogħtija imħallsa ma jridux jiġu implimentati. L-għajnuna li diġà tħallset trid tiġi rkuprata. L-ammonti li l-benefiċjarji kienu jkunu intitolati għalihom fl-2005, l-2006 u l-2007 taħt il-Liġi 9/1991 jistgħu jitnaqqsu mill-ammont totali li jrid jiġi rkuprat.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. L-għajnuna ta' l-Istat li l-Italja implimentat favur ThyssenKrupp, Cementir u Nuova Terni Industrie Chimiche hija inkompatibbli mas-suq komuni.

2. L-għajnuna ta' l-Istat li l-Italja tat imma għadha ma ħallsitx lil ThyssenKrupp, Cementir u Nuova Terni Industrie Chimiche hija wkoll inkompatibbli mas-suq komuni u għalhekk ma tistax tiġi implimentata.

*Artikolu 2*

1. L-Italja għandha tirkupra mill-benefiċjarji l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1(1).

2. Is-somom li jridu jiġu rkuprati għandhom jinkludu l-interess għall-perjodu sħiħ, mid-data li kienu għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji sad-data ta' l-irkupru tagħhom.

3. L-interessi għandhom jiġu kalkulati fuq bażi komposta f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 794/2004.

*Artikolu 3*

1. L-Italja għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tirkupra l-benefiċjarji mill-għajnuna illegali u inkompatibbli msemmija fl-Artikolu 1.

2. L-irkupru għandu jseħħ mingħajr dewmien skond il-proċeduri taħt il-liġi nazzjonali sakemm iħallu l-eżekuzzjoni immedjata u effettiva tad-deċiżjoni.

3. L-Italja għandha tiżgura li d-deċiżjoni preżenti hija implimentata fi żmien erba' xhur mid-data tan-notifika.

*Artikolu 4*

1. L-Italja għandha żżomm lill-Kummissjoni informata bil-progress tal-proċedimenti nazzjonali biex jimplimentaw din id-deċiżjoni sakemm il-proċedimenti jkunu kompluti.

2. Fi żmien xahrejn tan-notifika ta' din id-deċiżjoni, l-Italja għandha tissottometti informazzjoni li tispeċifika l-ammonti totali (prinċipali u bl-interessi) li jridu jiġu irkuprati mill-benefiċjarji u deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri diġà meħuda jew ippjanati għal konformità mad-deċiżjoni preżenti. Sa l-istess limitu, għandha tibgħat lill-Kummissjoni d-dokumenti kollha li juru li l-benefiċjarji kienu ordnati li jħallsu l-għajnuna.

3. Wara perjodu ta' xahrejn imsemmi fil-paragrafu 2, l-Italja għandha tissottometti, fuq sempliċiment talba mill-Kummissjoni, rapport dwar il-miżuri diġà meħuda jew pjanati f'konformità ma' din id-deċiżjoni. Dan ir-rapport għandu jipprovdi wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti ta' għajnuna u l-interessi diġà rkuprati mill-benefiċjarji.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmula fi Brussell, 20 ta' Novembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Neelie KROES

*Membru tal-Kummissjoni*